**QORTI TAL-APPELL**

**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-Gimgha, 11 ta' Ottubru, 2019**

**Appell numru: 41/2016**

**Wara sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera**

**datata 30 ta' Ottubru, 2018**

**Gemma Micallef (KI Nru. 174563 M), f'isimha propju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Carmel (KI Nru. 100751M), Joseph (KI Nru. 22952M) Philippa (KI Nru. 336853M), Mary mizzewga Grech (KI Nru. 82656 M), Grace mizzewga Cini (KI Nru 354058 M) Emanuel (KI Nru. 369759 M) u Doris (KI Nru. 294261 M) ilkoll ahwa Micallef**

**vs.**

**Philippa Mangion (KI Nru. 496247 M)**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera datata 30 ta' Ottubru, 2018 fejn dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari mqajjma mill-intimata gie deciz kif isegwi:

*'Illi l-ewwel eccezzjoni tghid:*

*"1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari r-Rikorrenti Gemma Micallef: Id number 174563M trid tipprova li hija ghandha l-Awtorita' u l- kunsens li tirrapprezenta lil huha Carmel Micallef bin-numru tal-Karta tal-Identita numru 100751M, lil huha Joseph Micallef bin-numru tal- Karta tal-Identita 22952M, lil ohtha Philippa li ghandha n-numru tal- Karta tal-Identita 336853M, lil Mary mizzewga Grech li ghandha n- numru tal-Karta tal-Identita 82656M, lil Grace mizzewga Cini li ghandha n-numru tal-Karta tal-Identita 354058M, lil Emanuel Micallef li ghandu n-numru tal-Karta tal-Identita 369759M, u lil Doris Micallef li ghandha n-numru tal-Karta tal-Identita 294261M, ilkoll ahwa Micallef, u sakemm Gemma Micallef taghmel din il-prova li hija ghandha l-awtorizzazzjoni u l-kunsens li tirrapprezenta lil dawn is-seba' hutha ohra, din il-Kawza ma tistax tipprosegwi minhabba li tkun nulla u nvalida."*

*Illi minn ezami tal-provi mressqa jirrizulta illi meta r-rikorrenti Gemma Micallef intavolat il-kawza, hija ma kellha l-ebda prokura ossija awtorizzazzjoni biex tagixxi minn ghand hutha, la dawk residenti hawn Malta u lanqas ta' ohtha residenti l-Italja. Huwa minnu li l-ahwa Micallef li jirrisjedu Malta, permezz ta' l-affidavit rispettiv taghhom u in kontro-*

*ezami xehdu li huma ma ghandhomx diffikulta li ohthom Gemma tidher ghalihom f'din il-kawza; din l-awtorizzazzjoni u dan il-kunsens pero gew wara li giet intavolata l-kawza.*

*Ghalhekk, il-kawza kif proposta ghandha zewg mankamenti: (1) Persuna li tirrisjedi Malta ghandha tagixxi fil-Qorti f'isimha u mhux b'mandatarju jew prokuratur u ghalhekk hut r-rikorrenti li jirrisjedu hawn Malta kellhom ab initio jidhlu parti mill-kawza proprio u mhux rapprezentati minn ohthom Gemma Micallef, del resto kif ghamlu sussegwentament fi proceduri ohra pendenti bejn il-partijiet quddiem Qorti ohra. In oltre, r-rikorrenti Gemma Micallef fl-ebda mument ma gabet prova li qabel istitwit il-kawza hija kellha l-awtorizzazzjoni jew mandat ta' hutha biex tistitwixxi l-kawza.*

*(2) It-rikorrenti Gemma Micallef baqghet ma gabet l-ebda prokura ta' ohtha Maria Dolores Micallef, li tirrisjedi l-Italja, sabiex tagixxi f'isimha.*

*Illi ghalhekk il-kawza, kif proposta, hija proceduralment difettuza. Dan gie rikonoxxut ukoll mill-istess rikorrenti li talbet korrezzjoni a bazi tal-Artikolu 175 (1) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan l-Artikolu jghid hekk:*

*(1) Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieg lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull zball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeg oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, <u>sakemm sostituzzjoni jew</u>*

*tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza.* *(sottolinejar tal-Bord).*

*Issa fil-kaz in ezami, li kieku l-Bord kellu jilqa' din it-talba, jkun qed jimpingi direttament fuq din l-eccezzjoni mressqa mill-intimata u ghalhekk, ai termini ta' l-istess Artiklu, l-Bord ma jistax jilqa' t-talba ghall-korrezzjoni mressqa mir-rikorrenti Gemma Micallef.*

*Ghaldaqstant, din l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimata qeghda tigi milqugha.*

*Illi la darba giet milqugha din l-ewwel eccezzjoni, ma hemmx lok illi l- Bord jezamina t-tieni eccezzjoni mressqa mill-intimata. Ghal kull buon fini, l-Bord se jaghmel punt wiehed dwar l-istess.*

*Illi it-tieni eccezzjoni tghid hekk:*

*"Illi fit-tieni lok u in linea preliminari wkoll Gemma Micallef trid tipprova li r-ragel ta' Mary Grech, ir-ragel ta' Grace Cini qed jagħtu l-kunsens lin-nisa rispettivi tagħhom a bazi tal-komunjoni tal-akkwisti biex ikunu parti minn din il-kawza u dan l-istess jgħodd għal kull wieħed mir-rikorrenti atturi li huma miżżewgin.".*

*Illi mill-provi mressqa mir-rikorrenti jirrizulta illi l-propjeta mertu tal-kawza, hija proprjeta parafernali tar-rikorrenti Gemma Micallef u hutha, stante illi giet akkwistata minnhom mill-wirt ta' ommhom Elizabeth Micallef.*

*Illi kif inhu ben saput kull parti fiz-zwieg tibqa' s-sid wahedha tal-proprjeta parafernali taghha u ma ghandha bzonn l-ebda permess jew kunsens tal-parti l-ohra dwar l-amministrazzjoni ta' l-istess.*

*Konsegwentament din it-tieni eccezzjoni preliminari mressqa mill-intimata ma tistax tintlaqa' u qeghda tigi michuda.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet il-Bord filwaqt illi jichad din it-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimata, jilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari mressqa mill-intimata bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.'*

2. Illi d-decizjoni appellata nghatat wara li l-appellanti rikorrenti Gemma Micallef pro et noe. ressqu rikors guramentat fil-konfront tal-intimata appellata Philippa Mangion quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera kif isegwi:

*'1. Illi r-rikorrenti, aħwa Micallef huma sidien indivizi tal-fond 102/1 E 'Monte Fiori', Triq Burmarrad, Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Baħar (ritratti tal-posizzjoni tal-fond hawn annessi u mmarkati bħala Dok A) bħala werrieta ta' Elizabeth Micallef.*

*2. Ili dan il-fond kien gie akkwistat mill-imsemmija Elizabeth Micallef permezz ta' kuntratt pubbliku datat l-għoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elf disgħa mija u tmienja u sebgħin (1978) (hawn anness u mmarkat bħala Dok B).*

*3. Illi l-imsemmi fond huwa mikri lil Philippa Mangion bħala id-dar ta' abitazzjoni tagħha. Il-kirja in kwistjoni bdiet fil- ħmistax (15) ta' Awwissu tas-sena elf disgħa mija u erbgħa u sebgħin (1974) permezz ta' kuntratt ta' kera (hawn anness u mmarkat bħala Dok C) u cioe' minn qabel ma akkwistat il- fond Elizabeth Micallef.*

*4. Illi l-kera mifthema fil-kuntratt tal-kera kienet dik ta' sittin Liri Maltin (Lm 60) ekwivalenti għal mija u disgħa u sebgħin Ewro (€139.79) fis-sena illi kienu jiġu mħallsa fil-ħmistax (15) ta' Awwissu ta' kull sena.*

*5. Illi permezz tal-Att Nru X tal-2009 saru xi emendi fil-ligijiet tal-Kera u għaldaqstant b'effett mill-ewwel (1) ta' Jannar elfejn u għaxra (2010) daħal fis-seħħ l-artikolu 1531B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:*

*'1561B. Għal kirja li kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, għandha tibqa' tgħodd il-ligi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Gunju, 1995, hekk izda li mill-1 ta' Jannar, 2010 għandhom japplikaw l-artikoli 1531C, 1531D, 1531E, 1531F, 1531G, 1531H, 1531I, 1531J u 1531K.'*

*6. Għaldaqstant, l-artikolu 1531C tal-kap 16 jgħid propju hekk:*

*'1531C (1) Għall-kera ta' dar ta' abitazzjoni li kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Gunju 1995 għandha tibqa tgħodd il-ligi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Gunju 1995 hekk izda li fin-nuqqas ta' ftehim mod ieħor milħuq bil-miktub wara l-1 ta' Jannar 2010, ir-rata tal-kera mill-ewwel ħlas tal-kera dovuta wara l-1 ta' Jannar 2010, għandha fejn din kienet anqas minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, titla' għal dan l-ammont:*

*Izda fejn ir-rata ta' kera kienet aktar minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, din għandha tibqa' bir-rata ogħla hekk stabbilita.*

*(2) F'kull kaz imsemmi fis-subartikolu (1) ir-rata tal-kera* ***<u>għandha tiżdied kull tlett snin b'mod proporzjonali għall- mod li bih ikun iżdied l-indiċi tal-inflazzjoni skont l- artikolu 13 tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontrolli tad-Djar,</u> l-ewwel awment isir fid-data tal-***

***ewwel ħlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar, 2013:***

*B'dan izda li fejn il-kera tkun fl-1 ta' Jannar, 2010 aktar minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, u b'kuntratt bil-miktub qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 il-partijiet ikunu qablu fuq metodu ta' zjieda fil-kera, wara l-1 ta' Jannar, 2010 iż-zjidiet fil-kera għandhom jibqgħu jkunu regolati skont dak il-ftehim sakemm jibqa' fis-seħħ.*

*7. Illi skond l-imsemmi Artikolu 1531Ċ is-somma dovuta bħala kera bejn l-ewwel (1) ta' Jannar elfejn u għaxra (2010) u l- wieħed u tletin (31) ta' Diċembru elfejn u tnax (2012) kienet dik ta' mija u ħamsa u tmenin Ewro (€185). Din is-somma imbaghad kellha tigi riveduta sa mill-ewwel (1) ta' Jannar elfejn u tlettax (2013) u għaldaqstant il-kera sal-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru elfejn u ħmistax (2015) kienet ta' mija u sebgħa u disgħin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€197.21).*

*8. Illi minkejja li r-rikorrenti għamlu diversi tentattivi sabiex jinterpellaw lil intimata permezz ta' ittri legali (hawn annessi u mmarkati bħala Dok D) tħallas il-kera dovuta lilhom a tenur tal-imsemmijin rivedimenti fil-liġi tal-kera, l-intimata baqgħet inadempjenti stante illi baqgħet tisħaq li hija ma kinietx se tħallas l-ammont tal-kera l-gdid izda riedet tħallas is-somma inkluza fil-kuntratt ta' kiri iffirmat minnha.*

*9. Għaldaqstant minflok ħallset l-ammont sħiħ tal-kera li kienet dovuta lir-rikorrenti sa mill-ewwel (1) ta' Jannar elfejn u għaxra (2010) l-intimata għazlet illi tiddepozita cedoli gewwa r-Registru tal-Qrati ta' Malta ammontanti għal somma ta' mija u disgħa u tletin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€139.76) fis-sena u cioe' ekwivalenti għal sittin Liri Maltin (Lm60) fis-sena kif kien miftiehem fil-kuntratt tal-kera li kien reġolat mill-*

*liġi tal-kera l-antika.*

*10. Illi inoltre recentement ir-rikorrenti bagħtu ittra ufficjali numru 870/2016 (hawn annessa u mmarkata Dok E) datata l- erbatax (14) ta' Marzu elfejn u sittax (2016) debitament notifikata lill-intimata fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu elfejn u sittax (2016) fejn infurmaw lill-intimata sabiex tagħraf tirregola ruħha u illi fin-nuqqas ta' dan kienu se jibdew proċidementi ġudizzjarji kontriha sabiex jitolbu it- terminazzjoni tal-kirja u l-iżgumbrament tagħha mill-fond. Din l-ittra intbagħtet lill-intimata ai termini tal-Artikolu 1570 li jgħid propju hekk:*

*'1570. Il-kiri jista' ukoll jinħall, għad li ma jkunx hemm il-kundizzjoni rizoluttiva, jekk waħda mill-partijiet ma tezegwix l-obbligazzjoni tagħha; u f'kull kaz bħal dan il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx giet eżegwita tista' tagħzel jew li ggiegħel lill-parti l-oħra għall-esekuzzjoni tal-obligazzjoni, meta dan jista' jkun, jew li titlob il-ħall tal-kuntratt flimkien mal-ħlas tad-danni għan nuqqas tal-esekuzzjoni tal-kuntratt:'*

*Izda, fil-kaz ta' fondi urbani, djar ta' abitazzjoni u fondi kummercjali fil-kaz ta' nuqqas puntwali tal-kera, il-ħall jista' jintalab biss wara li s-sid ikun interpella lill-inkwilin permezz ta' ittra ufficjali u l-inkwilin ikun, minkejja dak l-avviz, naqas milli jħallas dik il-kera fi żmien ħmistax-il jum minn notifika.'*

*11. Illi bla pregudizzju u inoltre għas-suespost il-fond in kwistjoni jinstab fi stat ħazin ta' manutenzjoni u dana in-nuqqas qiegħed jirrizulta f'danni ingenti għar-rikorrenti. Inoltre, dan il-fatt anke provdut fir-rapport tal-perit Ray Demicoli datat il-wieħed u tlettin (31) ta' Marzu elfejn u sittax (2016) (hawn anness u mmarkat bħala Dok F) fejn il-perit jisħaq illi:*

*"There is a general lack of ordinary maintenance that can prejudice my client's future enjoyment of the premises"*

*12. Illi stante għas-suespost, ir-rikorrenti għazlu li jirrikorru quddiem dana l-Onorabbli Bord sabiex jitolbu l-izgumbrament tal-intimata mill-fond u r-ritorn tal-pussess tal-istess fond f'idejhom u dana skond l-Artikoli 8 (1) u (9) a tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta' Bini, Kap 69 tal- Ligijiet ta' Malta;*

*'8(1) Meta sid il-kera jkun irid jieħu lura l-pusses tal-fond fit-tmiem tal-kiri, huwa għandu jitlob permess lill-Bord għaldaqshekk.*

*9 Il-Bord jagħti permess imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan f'dawn il-kazijiet:*

*(a)Jekk il-kerrej, fil-kors tal-kiri ta' qabel, ma jkunx ħallas puntwalment il-kera li kellu jagħti, jew ikun għamel ħsara ħafna fil-fond, jew xort' oħra ma jkunx esegwixxi l-kondizzjonijiet tal-kiri, jew ikun uza l-fond xort' oħra milli għall-iskop li l-fond ikun ġie lilu mogħti b'kiri, jew jkun issulloka l-fond jew ittrasferixxa l-kiri mingħajr il- kunsens espress ta' sid il-kera.'*

*13. Illi jezistu l-elementi kollha preskritti bid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 16A tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta' Bini (Kap 69) sabiex it-talbiet tal-esponenti, kemm għall-izgumbrament kif ukoll għall-ħlasijiet fuq imsemmija dovuti mill-intimata, jigu decizi bid-dispensa tas-smigħ tal-kawza billi sa fejn jafu l-esponenti, l-intimata ma għandhiex difiza x'tagħti kontra dawn it-talbiet.*

*Illi r-rikorrenti permezz tad-dikjarazzjoni guramentata tagħhom (hawn*

*annessa u mmarkata bħala Dok G) jiddikjaraw illi l-fatti tal-kawza huma spjegati matul dan ir-rikors guramentat u jikkonfermaw illi huma jafu b'dawn il- fatti personalment.*

Konsegwentement ir-rikorrenti ghaddew sabiex jitolbu lill-Ewwel Onorabbli Qorti fil-vesti taghha ta' Bord sabiex:

*1.'Jiddeciedi skond it-talbiet bid-dispensa tas-smigħ tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini;*

*2.Jordna lill-intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn dan il-Bord jizgombra l-propjeta hawn fuq imsemmija u jirritorna lill-mittenti c-cwievet kollha tal-istess;*

*3.Jikkundanna lill-istess intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' mitejn u sitta u tmenin Ewro u tnejn u ħamsin centezmu (€286.52) dovuti kwantu għal arretrati tal kera;*

*4.Jillikwida id-danni sofferti mir-rikorrenti f'somma li dana l-Onorabbli Bord jidhirlu xieraq;*

*5.Jikkundanna lill-istess intimata tħallas s-somma hekk likwidata bħala danni.*

*Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata l-erbatax (14) ta' Marzu elfejn u sittax (2016) u bl-imgħaxijiet legali kontra l-intimat li huwa ingunt għas-subizzjoni.'*

3. Rat li fir-risposta taghha lill-Bord l-intimata appellata laqghet ghal dak mitlub fl-ewwel lok b'numru ta' eccezzjonijiet preliminari u eccezzjonijiet dwar l-urgenza kif isegwi:

*'1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari r-rikorrenti Gemma Micallef ID number 174563M trid tipprova li hija għandha l-awtorita' u l-kunsens li tirraprezenta lil ħuha Carmel Micallef bin-numru tal-karta tal-identita' 100751M, lil ħuha Joseph Micallef bin-numru tal-karta tal-identita' numru 22952M, lil oħtha Philippa li għandha n-numru tal-karta tal-identita' 336853M, lil Mary mizzewga Grech li għandha n-numru tal-karta tal-identita' 82656M, lil Grace mizzewga Cini li għandha n-numru tal-karta tal-identita' 354058M, lil Emanuel Micallef li għandu n-numru tal-karta tal-identita' 369759M, u lil Doris Micallef li għandha n-numru tal-karta tal-identita' 294261M, ilkoll aħwa Micallef, u sakemm Gemma Micallef tagħmel din il-prova li hija għandha l- awtorizzazzjoni u l-kunsens li tirraprezènta lil dawn is-seba' ħutha oħra, din il-Kawza ma tistax tipprosegwi minħabba li tkun nulla u nvalida.*

*2. Illi fit-tieni lok u in linea preliminari wkoll Gemma Micallef trid tipprova li r-ragel ta' Mary Grech, ir-ragel ta' Grace Cini qed jagħtu l-kunsens lin-nisa rispettivi tagħhom a bazi tal- komunjoni tal-akkwisti biex ikunu parti minn din il-kawza u dan l-istess jgħodd għal kull wieħed mir-rikorrenti atturi li huma mizzewgin.*

*3. Illi Gemma Micallef bin-numru tal-karta tal-identita' 174563M li ħadet il-gurament għan-nom ta' ħutha l-oħra kollha mingħajr ma esebiet prova dokumentata ta' kunsens u awtorizzazzjoni li hija setgħet tagħmel dan, indikat bħala l-indirizz tar-rikorrenti l-indirizz 'Kampanella', fi Triq Wied is-Sir, ġewwa l-Mosta meta effettivament f'dak l-indirizz joqgħod l-intimat*

*Joseph Micallef li għandu n-numru tal-karta tal-identita' 22952M u ghaldaqstant dan ifisser illi Gemma Micallef ħadet gurament falz nhar it-22 ta' April, 2016 meta ħadet il-gurament quddiem il-Prokuratur Legali Davina Sullivan li pprezentat din il-kawza, u din l-Onorabbli Bord li Jirregola l-kera għandu jivverifika dawn il-fatti preliminari ta' min qed jirrapprezenta lil min, x'awtorizzazzjoni hemm, min ser jagħmel tajjeb għall- ispejjez li qed idaħħlu lill-intimata Philippa Mangion fihom (liema intimata Philippa Mangion ilha tgħix f' dan il-post sa minn qabel ma twieldet meta kienet f'guf ommha u baqgħet tghix hemm sal-ġurnata tallum, disgħa u sittin sena wara, kwazi sebgħin sena), u jekk hux kollox in konformi mal-Ligi a bażi tal-istituzzjoni tal-kommunjoni tal- akkwisti.*

*4. Illi sakemm isiru dawn il-verifiki preliminari, din il-kawza ma tistax timxi '1 quddiem billi jista' jkun hemm eccezzjoni in linea preliminari tal-inkompetenza ta' dan il-Bord li Jirregola l-Kera a bazi tal- verifikazzjoni ta' dak li qed jiġi mitlub fl-eccezzjonijiet in linea preliminari hawn precedentement sottomessi.*

*5. Illi din il-Kawza qed issir bid-dispensa taz-zmien perentorju u huwa għalhekk li l-intimata Philippa Mangion ID number 496247M mill-ewwel ikkuntattjat lill-konsulent legali tagħha li wara li saru l-verifiki, l-intimata giet mgħarrfa li din il- kawżà giet intavolata biex tinstema' b'urgenza.*

*6. Illi eccezzjoni in linea preliminari oħra huwa li ma hemm ebda raguni għala din il-kawza għandha tinstema' b'urgenza billi l-fond de quo ossija numru 102/lE, 'Monte Fiori', fi Triq Burmarrad, Burmarrad limiti ta' San Pawl il-Bahar hija r-residenza tal-intimata, dejjem hekk kienet sa minn qabel ma twieldet, iżżewget u għixet hemm, u llum ta' kwazi sebgħin sena*

*Philippa Mangion għadha tirrisjedi hemm, u ma għandha ebda residenza altenattiva oħra. U kwindi konsiderando l-possibilita' li jsir Appell u anka referenza għall-Qorti Kostituzzjonali u jekk hemm bzonn għall-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet tal-Individwu u l-Qorti tal-Ġustizzja fil-Lussumburgu, dan il-Bord japprezza illi ma hemm ebda raguni li għandha bazi legali u fattwali għala din il-kawza għandha tinstema' b'urgenza billi kif tista' tapprezza l-Bord Philippa Mangion ma ħijiex ser toħrog minn dan il- fond de quo fejn hi għixet tul għomorha kollu w għadha tgħix sal-ġurnata ta' llum, u dan anka a bazi tal-provi li ser jiġu ndikati lil dan il-Bord, inkluz ir-registri elettorali ta' dawn is-snin kollha, hut l-istess Philippa Mangion, u dokumentazzjoni bażilari bħal karta tal-identita', il-karta tat-taxxa u kwalsiasi dokument importanti li għandu għarfien tal-istat Malti li Philippa Mangion dejjem għixet f'dan il-fond de quo, inkluż sentenza tal-Bord tal-Kera u li minnha kien sar Appell, liema Appell ukoll intrebaħ fejn proprju l-intimata Philippa Mangion dejjem ingħatat raġun li 102 kif kien magħruf u issa magħruf bħala numru lE, 'Monte Fiori', Triq Burmarrad, Burmarrad, limiti ta' San Pawl il- Bahar dejjem kien ir-residenza ta' Philippa Mangion.'*

Konsegwentement ghall-eccezzjonijiet preliminari u dwar l-urgenza l-intimata fil-mertu ressqet l-eccezzjonijiet li jsegwu:

*'7. Illi dwar l-ewwel premessa tar-rikorrenti atturi u strettament mingħajr pregudizzju għall-eccezzjonijiet in linea preliminari li qegħdin hawn jigu sollevati f'din ir-risposta guramentata, Elizabeth Micallef tiġi omm ir-rikorrenti atturi w oħt il-ġenituri ta' Philippa Mangion u ħutha, pero' li din qatt ma għixet fil-fond de quo billi fil-fond de quo dejjem għixu l-ġenituri tal-intimata Philippa Mangion, li kien jisimhom Pawlu Vella u*

*Katerina xebba Cascun, dawn kellhom ħamest itfal, u cioe' Philippa Mangion, Rita mizzewga Fenech, Doris mizzewga Borg, Joe Vella u Carmel sive Charles Vella, li kollha għadhom ħajjin u kollha ser jitelgħu jixhdu dwar dan l-istat ta' fatt.*

*8. Illi r-rikorrenti atturi strettament mingħajr pregudizzju għall-eccezzjonijiet in linea preliminari li qed jigu sollevati, iridu jipprovdu dokumentazzjoni awtentika li huma s-sidien indivizi tal- fond 102 / 1E, 'Monte Fiori', Triq Burmarrad, Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Bahar, fejn illum tirrisjedi Philippa Mangion l-intimata.*

*9. Illi hemm kontestazzjoni dwar ezatt min huma s-sidien tal- fond de quo u għalhekk qed ikun hemm insistenza da parti ta' Philippa Mangion li tingieb din il-prova, billi hi dejjem ħallset il-kera, hi personali kif kienu jagħmlu l-genituri tagħha u f'dawn l-aħħar snin wara li bdew jirrifjutaw il-kera, bdiet tiddepozitahom taħt l-awtorita' tal-Qorti kif ha ssir il- prova fil-mument opportun.*

*10. Illi għad illi hemm indikat li Elizabeth Micallef permezz ta' kuntratt pubbliku datat għoxrin ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u tmienja u sebgħin (20.11.1978) kienet akkwistat il-fond de quo ma ngabu ebda dokumenti dwar kif ir-rikorrenti atturi lkoll kemm huma huma indivizament proprjetarji tal-fond de quo.*

*11. Illi trid issir il-prova wkoll dwar ezatt il-konfini tal-fond de quo billi hemm storja kkumplikata li tmur lura ħafna snin u li wara li jigu decizi l-eccezzjonijiet in linea preliminari, iridu jigu ccarati l-konfini tal-fond de quo u dan għar-raguni li għal snin sħaħ, li jmorru għal kwazi mitt sena ilu, dejjem kienet tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-kera l-familja tal-intimita*

Philippa Mangion, u cioe' n-nanniet tagħha, il-genituri tagħha, umbagħad hija stess meta kienet izzewget, u wara li saret armla baqgħet tħallas l-istess kera hi.

12. Illi r-rikorrenti atturi strettament mingħajr pregudizzju għall-eccezzjonijiet li qegħdin jigu sollevati mill-istess intimata konvenuta, qegħdin jammettu li l-fond de quo huwa mikri lil Philippa Mangion imma ma qalux l-estensjoni ta' din id-dar ta' abitazzjoni imma sempliciment tennew illi l-kirja in kwistjoni bdiet fil-15 ta' Awwissu tas-sena elf disgħa mija w erbgħa u sebgħin (1974) permezz ta' kuntratt ta' kera li huwa mehmuz fl-atti tal-kawza bħala Dokument C u cioe' minn qabel ma akkwistat il-fond Elizabeth Micallef li tigi din Elizabeth Micallef oħt omm l-intimata konvenuta u naturalment ħutha l-oħra li ma humiex imsemmijin fil-kawza.

13. Illi mehmuz hawn Dokument PM1 li dan kien iffirmat f'Awwissu tas-sena 1974 li jindika car il-kera ta' sittin Lira Sterlina li kienet fl-istess basket ekonomiku tal-Lira Maltija minħabba li konna għadna monarkija kostituzzjonali peress li sirna Repubblika f'Dicembru ta' dik is-sena, u fejn hemm indikati l-kundizzjonijiet li Philippa Mangion kienet tgawdi ta' dan il-post bin-numru 102, Front Farmhouse, magħrufa bħala ta' Wied Sardin, f'Burmarrad f' San Pawl il-Bahar.

14. Illi l-intimata konvenuta issa sejra tfisser meta mietu missierha w ommha fuq min waqa' l-inkwilinat, jekk qattx ħutha l-oħra kienu nvoluti, u fhiex kien jikkonsisti dan ir- razzett.

15. Meta morna għand is-sur Fransija għax kien bagħat għalina b' avviz morna jiena u missieri għax missieri ma kienx jaf jitħaddet bl-Ingliz, imma

*jiena mort miegħu għal dak il-fini. U s-sinjur Fransija l-ewwel li qalilna: intom ir-residenti li toqogħdu fil-post il-gdid? U għidnielu iva. Allura dana beda biex jgħidilna li issa qegħdin ingawdu residenza gdida u li hemm bzonn li jgħolli l-kera. U qalilna li jrid jgħolli l-kera għal sittin Lira. U bħal speci jiena dort fuq il-papa' tiegħi u għidtlu hekk u hekk ma qiegħed jgħid. U nsomma ddiskutejna naqra bejnietna u l-papa' tiegħi qal u iva, intuwhomlu. U jiena dort fuq is-sinjur u għidtlu yes, and he said 'ok then'. And I told him 'my father he agreed about the sixty Maltese Liri for the rent'. And he said Ok. And he did the receipt and we paid them on that day.*

*16. Ħuti l-oħra u ommi ma kienux involuti. Ir-raguni kienet illi peress li jiena kont diġà' għarusa lir-raġel li żżewwigt ommi rieditni noqgħod magħha, għal daqshekk. Ħuti ma kellhomx x' jaqsmu għaliex kienu diġà' mizzewgin u telqu mid-dar.*

*17. Meta qed ngħid Front Farmhouse, numru 102 jigifieri meta twaqqa' l-antik dak kien il-front ta' mat-triq il-post l-antik. U tefgħuna 'l-gewwa meta nbniet it-triq, imma xorta bqajna l-front għax ir-razzett l-ieħor ħafna lura minna. Dan il-post 102, front Farmhouse jikkonsisti f'sitt ikmamar, tlieta isfel u tlieta fuq, logga isfel u logga fuq. Isfel għandna toilet u fuq għamilt shower jien għax lanqas kien hemm. U hemm il-bitħa ta' wara fejn inzommu l-bhejjem, il-kmamar store fejn inzomm it-tiben u l-annimali l-oħra, u l-garage fuq barra. Imma dak garage qiegħed bl-esbestos, mhux bis-saqaf. U hemm bitħa nterna. Hemm ukoll ir-raba' fil-front u l-għalqa ta' quddiem.*

*18. Il-kera kienet mikrija fuqi u fuq missieri, li wara umbagħad spiċċat fuqi.*

*Il-papa' tiegħi ma kienx jaf jitkellem bl-Ingliz u kien jibgħat lili biex inħallas il-kera lis-sinjura Fransija. U dejjem mort biha jiena l-kera. Fil-fatt fl-1975 fis-16 ta' Lulju mietet ommi u jiena dejjem inħallas il-kera għax missieri ma kienx jaf jitkellem bl-Ingliz, allura dejjem dehert jiena quddiem is-sinjur. Fil-fatt ħuti l-oħra kienu diga' mizzewgin barra ħija z-zgħir, għax ħija z-zgħir izzewweg fl-1985 u jiena zzewwigt umbagħad sena u ftit wara l-mewt ta' ommi, għax jiena zzewwigt fit-22 ta' Awwissu tal-1976. Sa dak iz-zmien qatt ma nqala' nkwiet diment li kont inħallas lis-sur Fransija. Fl-1978 umbagħad avvicinatni Elizabeth Micallef u giet qaltli isma' issa l-kera lili trid ittiha, qaltli għax hawnhekk xtrajtu jien. U minn hemm beda l-inkwiet. Gara illi wara ma nafx kemm għadda zmien is-soqfa bdew juru li qegħdin jiddeterjoraw minħabba xogħol ħazin li sar fi zmien il-bini tal-post, Elizabeth Micallef meta avvicinajniha dwar xi spejjez tas-soqfa dehret illi bħal speci ma kienetx qegħda turi x' perikolu kien hemm fil-post. Allura aħna konna gibna perit u ra l-kundizzjoni tas-soqfa u kellna nidhlu l-Qorti. Meta ngħid aħna jigifieri missieri s'intendi Pawlu Vella u jiena. Aħna gibna perit u għamel statement dwar il-kundizzjoni tal- post u ddikjara li s-soqfa kienu ta' periklu specjalment fil-bedrooms fuq, u meta għidna lil Elizabeth Micallef biex tirranga s-soqfa ma ħaditx pjacir. U kellna nidħlu l-Qorti, jigifieri missieri Pawlu Vella, dak iz-zmien kont mizzewga jiena Philippa Mangion u r-ragel tiegħi Joseph, u kellna nidħlu l-Qorti. Gara illi kellha tagħmel il-bjut a spejjez tagħha u l-kera baqgħet sittin Lira.*

*19. Sal 15 ta' Awwissu, 2009 jigifieri sa seba' snin ilu Gemma Micallef għall-werrieta ta' Elizabeth Micallef kienet taccetta l-kera mingħandi. Gàra illi nhar it-8 ta' Settembru, 2007 mietet Elizabeth Micallef, omm it-tmien rikorrenti. Ir-ricevuti meta kont immur inħallas il-kera kienet*

*tagħmilhom Gemma, it-tifla ta' Elizabeth. Kont immur għandha fi Triq l-Oratorju. Darba minnhom, ma nafx meta gara ezatt hux fl- 2010, irrifjutat illi tiehu sittin Lira. U jiena argumentajt magħha, għidtilha aħna għandna Dokument illi ommok u missierek il-kera dejjem ħaduha, u minn hemm beda l-inkwiet.*

*20. Jiena saqsejtha lil Gemma, għidtilha din iz-zieda tal-kera li qed titlob lili inti kkonsultajt ma' ħutek l-oħra? Allura għidtilha jiena llum mela m'inix ser inħallilek il-kera la ma tridx taccetta s-sittin Lira tas-soltu, għidtilha ddiskuti ma' ħutek u erga' kellimni. Fil-fatt bdejt nircievi l-ittri bl-avukat, għandi diversi ittri.*

*21. Illi jerga' jsir referenza għar-raba' paragrafu fir-rikors guramentat ta' Gemma Micallef de proprio et nomine u strettament mingħajr pregudizzju għall-eccezzjonijiet in linea preliminari li qegħdin hawn jigu sollevati, jigi ndikat illi l-intimata Philippa Mangion ID number 496247M dejjem ħallset il-kera skont kif miftiehem u anka kif affermat minn sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera w anka minn Appell li kien sar fuq dik is-sentenza, u bejn wieħed u ieħor għall-ħabta ta' Santa Maria ta' kull sena l-intimata li kellha l-genituri tagħha jirrisjedu fil- fond de quo u fejn twieldet hi u ħutha oħra u sussegwentement izzewget u għixet hemm sakemm romlot u għadha r-residenza ordinarja tagħha sal-guranta ta' llum, il-kera dejjem tħallset jew direttament inkella meta r-rikorrenti de proprio et nomine bdew jirrifjutaw il-kera, il-kera tigi depozitata regolarment il-Qorti w hemm dokumenti kemm fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Sede Civile) u anka fil-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili (Malta) u partikolarment isiru referenzi għal depoziti 2427/2010, 2360/2011, 1846/2015, depoziti dejjem saru mill-intimata Philippa Mangion, u wkoll fil-Qorti ta'*

*Revizjoni tal-Atti Nutarili (Malta) bin-numru referenzjali 1968/2012, u dan dejjem fil-konfront ta' Carmel Micallef de proprio et nomine, u dan fis-snin 2010, 2011, 2012 u 2015. Dan huwa kollu dokumentat fid-dipartiment tas-Subbasta fir-Registru tal-Qrati tal-Gustizzja tar-Repubblika ta' Malta w anka fil-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili (Malta). Dawn id-dokumenti kollha jigu esebiti fil-mument opportun.*

*22. Illi c-cedoli ta' depozitu da parti tal-intimata Philippa Mangion ID number 0496247M kienu jsiru kontra Carmel Micallef, Philippa Micallef, Grace Cini, Emanuel Micallef, Doris Micallef u Gemma Micallef u dawn id-dokumentazzjonijiet l-intimata Philippa Mangion tesebihom fil-mument opportun.*

*23. Illi da parti taghhom ir-rikorrenti, dejjem mingħajr pregudizzju għall-eccezzjonijiet in linea preliminari partikolarment ta' min ezatt għandu r-rapprezentanza ta' min u dan b'dokumentazzjoni li trid tkun awtentika jew konfermata bil-ġurament stqarrija, u anka fir-rigward tal- indirizz ta' notifika lill-partijiet kollha billi hemm suspetti fondati li effettivament mhux l-aħwa kollha huma konformi ma' dawn il-proceduri kif qed isiru, u ha jkun hemm insistenza da parti tal-intimata li l-aħwa kollha skont kif indikati fil-korp ta' din il-kawza jridu jikkonfermaw bil- ġurament jew permezz ta' stqarrija ġuramentata li tkun kredibbli li huma kollha jaqblu ma' dak li qed jintalab fil- konfront tal-intimata Philippa Mangion.*

*24. Illi l-intimata tirreferi għad-diversi dokumenti esebiti nkluz dawk tal-periti Demicoli u sħabu u pjanti w ittri ufficjali li ntbagħtu li pero' mkien ma hemm indikat it-tweġibiet tal- intimata Philippa Mangion u imkien ma hemm indikat il-fatti veri li jiċċirkundaw dan il-kaz, u cioe' li l-fond de quo hija residenza ordinarja tal-intimata li minn dejjem għixet hemm u li l-*

*familjari tagħha kumulattivament ilhom hemm għal ferm aktar minn mitt sena, u li ma' dan ir-razzett hemm ukoll għelieqi u partijiet fejn jitrabbew il-bhejjem, u allura wieħed malajr jissuspetta li l-objettiv ta' dan il-proceduri ma humiex ghax kif qed jigi erronjament u abbuzivament allegat illi l post mhux qed jinzamm fi stat tajjeb imma li xi ħadd mir- rikorrenti għandu xi kuntatti biex ikun jista' jakkwista ħalli jbiegħ din il-proprjeta' w għaldaqstant il-provi jridu jinstemgħu bir-reqqa u l-fatti verifikati skont kif titlob il-Liġi u dan dejjem mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet li gew sollevati.*

*25. Illi r-rikorrenti qegħdin jallegaw skont dokument li suppost huma ffirmaw, u cioe' Carmel Micallef, Joseph Micallef, Philippa Micallef, Mary Grech, Grace Cini, Emanuel Micallef, Doris Micallef u Gemma Micallef, kollha b' indirizzi separati f'Malta ħlief waħda, Doris Micallef li għandha l-indirizz l-Italja gewwa Ruma, illi dawn tennew li huma ffirmaw dokument li l-kera għandha tkun ta' mija u ħamsa u tmenin Ewro fis-sena u mhux kemm sa llum qegħda tħallas skont Sentenza tal-Qorti konfermata mill-Appell l- intimata Philippa Mangion, pero' dan id-dokument la mill-original esebit il-Qorti u lanqas mid-dokumenti li rceviet l-intimata personalment ma jirrizulta li huwa ffirmat mill-aħwa kollha, li jzid is-suspett li din hija manuvra ta' xi hadd mill-aħwa jew uhud mill-aħwa mingħajr ma hemm l-approvazzjoni tal-aħwa kollha skont kif indikati.*

*26. Illi l-intimata tirreferi għad-diversi dokumenti esebiti minn xi ħadd mir-rikorrenti, u hija tfisser li hi qatt ma tat il-kunsens li xi ħadd jidħol gewwa darha, imma giet ingannata minn pulizija li kien mar għandha u mingħajr ma kellu awtorizzazzjoni biex jidħol għandha imma sempliciment tennielha biex ma taqlax inkwiet, ta' mara twajba li hi l-*

*intimata li llum qed tavvicina l-eta' ta' sebgħin sena daħħlithom fir-razzett tagħha f'mument fejn hija kienet qegħda tbajdu, u għaldaqstant min abbuzivament u mingħajr permess tal-intimata gibed diversi ritratti, dan għandu jitressaq anka għad-disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti u tali ritratti jigù sfilzati, billi l-intimata qatt ma tat permess galadarba ma kien hemm ebda awtorizzazzjoni li jittieħdu dawk ir-ritratti go darha li ma jirrispekkjawx il-vera xelleggjatura li hemm, 'il għaliex kif intqal inzerta li l-intimata kienet qegħda taqla' u tbajjad xi kmamar fir-razzett u proprju min kellu intenzjoni li tista' ma kienetx daqshekk in bona fede iddaħħlu go dar l-intimata mingħajr l-awtorita' tagħha imma għax hi ma riedetx taqla' l-inkwiet, u naturalment ma għandhiex esperjenza li hi kellha kull dritt li tirrifjuta li ma jidħlux in-nies go darha imma ħalliethom jidħlu. U għaldaqstant l-intimata qed tagħmel dan il-punt car lill-Qorti.*

*27. Illi l-istess intimata qabbdet is-servizzi ta' ditta ta' periti li naturalment ser tesebixxi diversi dokumenti lill-Qorti imma a skans ta' voluminozita', dawn id-dokumenti mhux sejrin jigu esebiti għalissa.*

*28. Illi qed isir referenza għall-Att Numru 10 tas-sena 2009 fejn kienu saru xi emendi fil-Ligijiet tal-Kera u li għaldaqstant b'effett mill-1 ta' Jannar tas-sena 2010 dahal fis-seħħ l- artikolu 1531 (b) tal-Kodici Cīvili, Kapitolu 16 tal-Ligījiet ta' Malta u da parti tiegħu l-artikolu 1531(b) hemm referenzi għall-artikoli 1531(c), 1531(d), 1531(e), 1531(f), 1531(g), 1531(h), 1531(i), 1531(j) u 1531(k). Umbagħad hemm indikat x' jgħid l-artiklu 1531(c) tal-Kapitolu 16 fejn jagħmilha car illi l-kera ta' dar ta' abitazzjoni li kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Gunju tas-sena 1995, għandha tibqa' tgħodd il-ligi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Gunju, tal-1995, hekk izda li fin-nuqqas ta' ftehim mod ieħor milħuq bil-miktub wara l-1 ta'*

*Jannar, tas-sena 2010, ir-rata tal-kera mill-ewwel hlas tal-kera dovuta wara l-1 ta' Jannar, 2010, għandha, fejn din kienet anqas minn mija u ħamsa u tmenin Ewro (€185) fis-sena, titla' għal dan l-ammont.*

*29. Illi l-ewwel kera fil-konfront tal-intimata wara l-1 ta' Jannar tas-sena 2010 kien fil-15 ta' Awwissu ta' dik is-sena fejn il-kera dovut da parti tal-intimata ġie depozitat il-Qorti a bazi ta' sentenza li kienet ingħatat mill-Bord tal-Kera u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell, u għaldaqstant l-intimata strettament mingħajr pregudizzju qatt ma qalet li hi ma hijiex disposta li tinnegozja awment tal-kera, imma t-talbiet tar-rikorrenti dejjem mingħajr pregudizzju għall-Eccezzjonijiet in linea preliminari kienu li l-ewwel nett il-kawza tinstema' b'urgenza, illi l-intimata tigi mkeccija mill-proprjeta' fejn hi u l-familja tagħha ilhom jgħixu għal aktar minn mitt sena u l-mittenti jittroddielhom lura c-cwievet kollha tal-istess fond, illi l-intimata għandha tħallas is-somma ta' mitejn u sitta u tmenin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu li qed jigi allegat huma arretrati tal-kera, u li jigu likwidati d-danni sofferti mir- rikorrenti fis-somma li dan l-Onorabbli Bord jidhirlu xieraq, u jikkundanna lill-istess intimata ħalli tħallas is-somma hekk likwidata bħala danni, talbiet li certament ma għandhom ebda bazi legali u fattwali fir-rigward ta' din il-kawza w allura l-ispejjez kollha għandhom jitħallsu minn min għamel il-kawza u cioe' r-rikorrenti, u dan mingħajr pregudizzju għall-eccezzjonijiet in linea preliminari.*

*30. Mela kif qed jirriżulta partikolarment mit-tieni talba tar- rikorrenti l-objettiv tagħhom hu li jkeccu lill-intimata minn ġo darha, u din l-iskuza li hemm xi arretrati u cioe' somma rrizorja ta' mitejn u sitta u tmenin Ewro u tnejn u hamsin centeżmu x' jitħallsu certament ma għandha ebda bazi ta' saħħa li tiġġustifika l-iżġumbrament tal-intimata.*

*31. Illi l-intimata qabbdet hi stess il-perit tagħha u r-rapport tiegħu jrid jiġi mxebbah ma' dak tal-perit Ray Demicoli, u kwantu għar-ritratti, irid jiġi specifikat min ha dawn ir-ritratti, kienx hemm il-permess tal-intimata biex jittieħdu dawn ir- ritratti, u jekk effettivament il-Perit Ray Demicoli kien daħalx għand l-intimata biex ra l-post fil-posizzjoni attwalment illi hu, kif kien, u anka kif oriġinarjament kien inbena. Dawn huma kollha punti mportanti li dana l-Bord li lirregola l-Kera jrid jidħol fihom mingħajr preġudizzju anka għall-kwistjoni ta' kompetenza fuq ċertu materja w għalhekk importanti li mingħajr pregudizzju għall-eċċezzjonijiet in linea preliminari li qed jiġu sollevati, wara li tiġi stradata kif ser jimxu l-provi, l-intimata tirrizerva li tissolleva l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza fuq xi materja bħal per eżempju l-kwistjoni tal- likwidazzjoni tad-danni jekk huwa l-kaz jew inkella ta' l- validita' ta' dak li qed jiġi sottomess illi skont il-Liġi l-kera kellha tiżdied mill-15 ta' Awwissu tas-sena 2010 għal mija u ħamsa u tmenin Ewro, minflok il- mija u disgħa u tletin Ewro, u dana għoli għaliex da parti tagħha l-intimata dejjem segwiet mhux biss dak li tgħid il-liġi imma anka s-Sentenza li kien hemm quddiem il-Bord tal-Kera u kkonfermata fl-istadju tal-Appell.*

*32. B'referenza għal paragrafu 6 tar-rikors da parti tar-rikorrenti, tkun trid issir analizi tas-sub artikolu (2) għal artikolu 6 u anka għal dak li qed jiġi hawn indikat f'paragrafu 7 u cioe' dwar il-kera dovut bejn il-15 ta' Awwissu tas-sena 2010 u naturalment il-15 ta' Awwissu tas-sena 2012 u fejn ripetutivament ir-rikorrenti qegħdin jgħidu li l-mija u ħamsa u tmenin Ewro minn Awwissu tas-sena 2013 kellha tiġi riveduta w awmentata għal kif indikat fis-seba' paragrafu: dawn huma kollha punti li jridu jigu analizzati quddiem dan il-Bord jekk huwa l-kaz u jekk jinstab li huwa kompetenti biex jevalwa u jiddeciedi tali punti.*

*33. Illi għaldaqstant ikun fl-interess tat-trasparenza tal-ġustizzja li l-ewwel jiġu sorvolati l-eċċezzjonijiet in linea preliminari u dan dejjem qiegħed jiġi sottomess bl-akbar umilta' u rispett fir-rigward ta' dan il-Bord, umbagħad skont l-iżviluppi f'din il-kawża partikolari, jiġu stradati l-punti li qed jagħmlu r- rikorrenti jekk ikun il-każ sia fil-konfront tal-iżgumbrament billi l-intimata wkoll qabdet perit arkitett li d-ditta ta' dan il-perit ħarġet rapport illi jikkuntrasta sew ma' dak tal-perit Ray Demicoli, pero' li għar-raġuni ta' pratticita' dawn id-diversi dokumenti li ghandha fil-pussess tagħha l-intimata, hija tesebihom fil-mument opportun u a bazi ta' kif tiżviluppa din il-kawża galadarba tiġi appuntata billi fil-mument li qed jittieħed il-ġurament da parti tal-intimata, għad ma hemmx data fejn din il-kawża hija appuntata anka jekk saret biex tinstema' b'urġenza meta fil-verita' ma kien hemm l-ebda raġuni għala din il-kawża kellha tinstema' b'urġenza.*

*34. Illi jidher illi hemm taħwid fil-moħħ tar-rikorrenti dwar eżatt għal x'hiex qed jagħmlu din il-kawża, peress illi l-intimata dejjem uriet li hija disposta li tinnegozja magħhom pero' dejjem kellha s-sentenza li ggwidatha dwar dak li kellha tħallas u għaldaqstant dak li qed jiġi implikat fit-tmien paragrafu tar-rikors tar-rikorrenti qed jiġi wkoll ikkontestat, u fil-fatt hemm ammess fil-paragrafu 8 li l-intimata 'riedet tħallas is-somma inkluża fil-kuntratt ta' kiri ffirmat minnha', liema kuntratt qatt ma ġie deċiż qatt, u għalhekk jibqa' fil-validita' tiegħu billi ovvjament il-liġi qed tirreferi għal meta jkun hemm il-ftehim verbali, imma mhux kuntratt li jrid jiġi onorat.*

*35. Izda strettament mingħajr preġudizzju, l-intimata qatt ma rrifjutat li tiddiskuti, biss trid tkun taf ma' min qed tiddiskuti, billi kull meta hija talbet li jkun hemm dokument komunali li juri li hemm il-kunsens ta'*

*kulħadd għal din il-bidla, dawn qatt ma ressqu lkoll fil-konfront tal-intimata u dejjem deheret din Gemma Micallef li ovvjament qegħda tagħmel asserzjonijiet li hija għandha dritt tirraprezenta lil ħutha mingħajr ma hemm provi li ta' bil-ħaqq hija għandha din l-awtorizzazzjoni u l-kunsens, u għaldaqstant dan irid jigi kkonfermat.*

*36. Kif huwa ammess ripetutivament mir-rikorrenti l- intenzjonijiet tal-intimata dejjem kienu retti u in bona fede, u nfatti dejjem iddepozitat il-flus taħt l-awtorita' tal-Qorti kif hemm provi aktar minn adekwati fuq dan il-punt.*

*37. Illi fl-għaxar paragrafu ssir referenza għall-artikolu 1570 u hemmhekk dan l-artikolu gie citat u cioe' l-kiri jista' wkoll jinħall, għad li ma jkunx hemm il-kundizzjoni rizoluttiva, jekk waħda mill-partijiet ma tesegwix l-obbligazzjoni tagħha u, f' kull kaz bħal dan il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx giet esegwita tista' tagħzel jew li ggiegħel lill-parti l-oħra għal esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, meta dan jista' jkun, jew li titlob il-ħall ta' l-kuntratt flimkien mal-ħlas tad-danni għan-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-kuntratt, u l-Bord qiegħed jara hawnhekk illi strettament mingħajr pregudizzju ma saret ebda talba biex jigi maħlul il-kuntratt li kienet intrabtet bih l-intimata u li ovvjament gie esebit u hija ha tesebixxi d-dokument tagħha, u għalhekk l-istess rikorrenti qegħdin jikkontradixxu lilhom infushom 'il ghaliex ma hemm ebda talba biex jinħall dan il-kuntratt u da parti tagħha l-intimata ma tridx li tigi maħlula minn dan il-kuntratt u f'dak il-kaz certament dan il-Bord li jirregola l-Kera ma huwiex il-Qorti kompetenti biex ikun jista' jiddetermina fuq aspett legali bħal dan.*

*38. Illi jekk allura qegħdin nibbazaw fuq li l-ftehim li kien hemm bil-miktub*

*għandu jinħall, il-ftehim originali juri aktar minn persuna waħda apparti mill-intimata Philippa Mangion, u l-persuna l-oħra llum mietet mingħajr testment u kwindi se mai l-intimati għandhom ikunu mhux biss l-intimata Philippa Mangion imma persuni oħra li għandhom l-istess possibilita' ta' drittijiet fuq il-mejtin genituri tagħhom u cioe' Paul Vella u Katerina nee' Cascun, apparti mir-ragel tal-intimata Philippa Mangion li kien jismu Joseph Mangion u li l-posizzjoni tiegħu pero' kien irregolha permezz ta' testment.*

*39. Illi, għaldaqstant, ma hemm ebda ġustifikazzjoni għala kellu jsir dan ir-rikors ġuramentat da parti ta' Gemma Micallef: ID number 174563M de proprio et nomine 'il għaliex qed jirrizulta car illi meta tqies li l-intimata Philippa Mangion: ID number 496247M fil-jum li giet notifikata bl-avviz għal din il-kawza relatata mal-ewwel dehra il-Ħamis, 2 ta' Gunju, 2016, fid-disgħa u nofs ta' filgħodu, meta l-intimata giet notifikata fil-jum tal-Ġimgħa, 20 ta' Mejju, 2016, dak kien il-jum għeluq żmienha fejn għalqet disgħa u sittin sena, u konsiderando li l-intimata twieldet hemm, kellha l-genituri tagħha jgħixu hemm, izzewget u romlot hemm, u anka kien hemm antenati tal-ġenituri tagħha jgħixu hemm, huwa evidenti li l-iskop ta' Gemma Micallef li qegħda tgħidilna Gemma Micallef li tirrapreżenta lill aħwa kollha huwa li trid tkeċċi lill-intimata minn hemm għal raġunijiet li ċertament ma għandhom ebda bazi la legali u lanqas fattwali. Dan jirrizulta car minn paragrafu 12 fejn ir-rikorrenti qed jiddikjaraw li huma għazlu li jirrikorru quddiem din l-Onorabbli Bord sabiex jitolbu l-izgumbrament tal-intimata mill-fond u r-ritorn tal-pussess tal-istess fond f'idejhom, u dan skont l-artikoli 8 sub artikolu (1) u 9 sub inciz (a) tal-Ordinanza li tirregola t-tiġdid ta' kiri ta' bini, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*40. Illi l-intimata Philippa Mangion sejra tispjega lil dan il-Bord issa illi fejn toqgħod hi fil-verita' huwa kumpless, li ilha tirrisjedi u tghix hemm tul ħajjitha kollha w anka qabel ħajjitha peress li l-genituri tagħha kienu joqogħdu hemm u qabel il-genituri tagħha peress illi n-nanniet kienu joqogħdu hemm. U dan il- bini Philippa Mangion sejra tfissru hekk:-*

*(i) Il-post fejn ngħix jiena qiegħed fil-front pero' għandi drive in għal gewwa għax mhux qiegħed mat-triq ezatt, hemm sqaq. U dan l-isqaq l-ewwel li ma tmur tikser għall-farmhouse tiegħi u l-kumplament jibqa' tiela' għall-farmhouse fejn kienu joqogħdu n-nanniet. Fil-fatt il-farmhouse fejn noqghod jien mas-sqaq eżatt għandi front garden u giebja fejn inzomm l-ilma, u l-passagg jibqa' għaddej sal-garage u mal-garage eżatt fuq wara għandi l-bitħa fejn inzomm l-annimali u l-ħazna tat-tiben u nsomma l-affarijiet tal-biedja – mutur, ingenji. U fejn noqgħod jiena ezatt għandi l-faċċata bil-gate tal-ħadid li għamiltha jiena, umbagħad għandi l-bitħa fejn inzomm dawk il-guards tal-klieb, għax il-klieb qegħdin guard apposta hemmhekk, u isfel tliet ikmamar qegħdin skontru, waħda faccata tal-gate u l-oħrajn qegħdin kontra, u bħal ma hemm isfel hemm tlieta fuq. Hemm logga isfel u logga oħra fuq. Isfel fil-logga għandi toilet u fuq għamilt shower jiena għax lanqas kien hemm. Dak kollox.*

*Nghid ukoll li fil-front għandi l-għalqa u l-front garden fuq il-genb l-ieħor, fejn għandi dak il-vaska fejn inzomm l-ilma biex meta rrid insaqqsi kemm inqabbad il-pompa. Fil-front garden kienu qisu dezert, jiena għamilt is-siġar ta' z-zebbug, għandi jigifieri tlieta, għandi s-sigar tat-tin u tal-bajtar, għandi palma fuq il-genb l-ieħor u palma kbira mat- triq. U gol-front garden għandi sigar tal-laring, għandi r-rummien, għandi l- bambinella go fiha, u nzomm xi qsari, bħal palm u hekk.*

*(ii) L-għalqa ta' mad-dar hija kbira cirka xi erba' siegħin raba' li fiha s-sigar, u fejn inzomm l-annimali hija kamra kbira fejn inzomm il-malef, hemm kamra oħra li nżomm in-nagħag; kamra ohra zgħira fejn inzomm it-tigieg, u għandi xi kmamar zgħar fejn inrabbi l-fniek. U hemmhekk hemm bitħa wkoll u ġol-bitħa għandi biċċa fejn inżomm it-tindif tal-annimali. Għax peress illi jiena close mat-triq, anka jigifieri l-ufficjali tal-Gvern jafu bil-problema li ghandi li ma nistax noħroġ demel qrib it- triq.*

*41. Illi għaldaqstant meta qed issir referenza għall-artikolu 8 sub artikolu (1) tal-Ordinanza li tirregola t-tigdid tal-kiri ta' bini a bazi ta' Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, il-verita' hi li Gemma Micallef (u dan mingħajr pregudizzju għall-eccezzjonijiet in linea preliminari li gew sollevati) qegħda tgħid li hi trid tieħu lura l-pussess ta' l-fond fit-tmiem tal-kiri, il-verita' hi li Gemma Micallef qatt ma kienet tgħix f'dan il-post, qatt ma kellha pussess tal-fond, la hi u lanqas ħadd minn ħutha, u lanqas mill-genituri tagħha, billi kienu ħut il-genituri tagħha u cioe' l-genituri tal-intimata Philippa Mangion li kienu jgħixu, jirrisjedu u litteralment joqogħdu bil-bhejjem b'kollox u bl-għelieqi li għadhom kif gew brevement imfissra fil-fond de quo.*

*42. Illi din ser tkun waħda mill-kontestazzjonijiet li sejrin jigu sottomessi li apparti mill-eccezzjonijiet in linea preliminari li qed jigu ntavolati da parti tal-intimata Philippa Mangion, ikun irid isir access fuq il-post biex jigi assikurat eżatt dwar liema bini qegħdin nitkellmu, billi huwa evidenti dan mhux bini fis-sens ta' dar li tidħol minn bieb u toħrog mill-istess bieb imma hemm il-kumpless ta' razzett, bil-postijiet rizervati għall-annimali w anka bl-għelieqi tal-madwar, u cioe' kif fissret fil-qosor l-intimata Philippa Mangion.*

*43. Illi l-istess ma huwa minnu xejn illi l-kera ma jitħallasx puntwalment, imma fil-verita' li qed isir hu li Philippa Mangion qed tonora s-Sentenza li kienet giet ikkonfermata mill-Bord tal-Kera umbagħad fl-Appell illi kien sar dwar il-ħlas tal-kera.*

*44. Illi għaldaqstant l-intimata jekk hija għandha tasal f'negozjati dwar awment fil-kera, hija disposta li dan il-punt tiddiskutieh, pero' hemm eccezzjoni ohra in linea preliminari jekk l-intimata waħidha hijiex il-legittimu kontradittur billi kif għidna l-arrangament originali kien mal-intimata u missierha, missierha llum miet mingħajr testment u hemm aħwa oħra tal-istess intimata li jista' jkollhom interess, u allura din hija eccezzjoni ohra in linea preliminari li l-intimata waħidha ma hijiex il-legittimu kontradittur, biss certament da parti tagħha l-intimata disposta li tasal fi kwalsiasi arrangament li jkun gust u b'konformita' tal-ligi imma qegħdin ngħidu xi ħaga li ma hijiex minnha li hija ma tħallasx il-kera puntwalment, billi hija l-kera dejjem ħallsitu, in buona fede, u skont is-Sentenza tal-Bord tal-Kera li giet ikkonfermata b'Appell, kera li hija dejjem tħallas għan-nom tagħha w ovvjament ta' missierha jew fin-nuqqas li issa missierha miet u anka ommha mietet, ta' l-eredi skont il-ligi ta' missierha u cioe' ħutha oħra.*

*45. Illi għaldaqstant a kuntrarju ta' dak li hemm imnizzel fil- paragrafu 13 tar-rikors guramentat ta' Gemma Micallef, ma jezistu ebda elementi preskritti bid-disposizzjonijiet tal- Artikolu 16A tal-Ordinanza li tirregola t-tigdid tal-kiri ta' bini u cioe' l-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex it-talbiet tal-esponenti, kemm għall-izgumbrament kif ukoll għall-ħlasijiet fuq imsemmija dovuti mill-intimata, jigu decizi bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawza, billi sa fejn jafu l-esponenti, l-intimata ma għandhiex difiza*

*x'tagħti kontra dawn it-talbiet, meta proprju l-intimata qed turi l-kuntrarju li altru milli għandha difiza x'tagħti, anzi qegħda tissottometti li dan ir-Rikors sar bl-aktar mod abbuziv galadarba anka l-istess rikorrenti qatt ma ċaħdu li l-intimata hija waħda minn dawk li kellha titolu validu fuq il-fond de quo, kif huma stess ikkonfermaw u kkommettew lilhom infushom fuq dan il- punt, imma qed iġibu l-iskuza li hemm xi partijiet mill-fond de quo li mhux qed jigi mantnut tagħha meta dan ma huwiex il-kaz, u hawnhekk formalment f'din ir-Risposta qed jitnizzel li għandu jsir l-isfilz tar-rapport tal-Perit Ray Demicoli billi dan ir-ragel daħal fil-fond de quo b'abbuz meta miegħu ha pulizija biex ibezzgħu lill-intimata, meta la l-pulizija u lanqas dan il-Perit ma kellhom dritt jidħlu fil-fond de quo mingħajr l-awtorizzazzjoni, il-kunsens u l-permess tal-istess intimata Philippa Mangion.*

*46. Illi fl-erbatax-il paragrafu r-rikorrenti qed jgħidu li huma għamlu d-dikjarazzjoni guramentata kumulattivament, meta din hija farsa billi effettivament ir-rikors gie prezentat minn Gemma Micallef waħidha, kienet Gemma Micallef bin- numru tal-Karta tal-Identita' 174563M li fit-22 ta' April, tas- sena 2016 ħadet il-ġurament quddiem il-Prokuratur Legali Davina Sullivan, liema Prokuratur Legali Davina Sullivan iffirmat l-istess rikors ta' Gemma Micallef, u allura aħna qed ngħidu li din hija sitwazzjoni li ggib magħha konflitt ta' interess apparti mill-fatt illi l-gurament ħaditu biss Gemma Micallef. U allura dak li hemm imnizzel fil-paragrafu 14 ma jista' qatt ikun minnu u jridu jigu l-ismijiet tal-aħwa Micallef kollha ndikati fir-rikors guramentat ta' Gemma Micallef u li jigi kkonfermat li Gemma Micallef ta' bil-haqq tista' tirraprezenta l-interessi ta' ħutha kollha, kemm dawk mizzewgin kif ukoll dawk li jistgħu ma jkunux mizzewgin. U għalhekk ukoll il-paragrafu 14 ma fih ebda bazi ta'*

*kredibilita' u dan għar-raġunijiet illi hawn qegħdin jiġu mfissra 'il għaliex effettivament il-persuna li tidher li hija l-perm ta' dan ir-rikors ma hija ħadd ħlief Gemma Micallef li għandha n-numru tal-Karta tal-Identita' 174563M.*

*Konkluzjoni Preliminari ghar-Rikors ta' Gemma Micallef*

*47. Illi għaldaqstant b'referenza għall-ewwel talba tar-rikorrenti, l-intimata qegħda tissottometti li galadarba fil-mument li qed tiġi ntavolata din ir-risposta huwa ben magħruf li d-data għall-ewwel dehra ha tkun nhar il-Ħamis, 2 ta' Ġunju, 2016, fid-disgħa u nofs ta' filgħodu, quddiem dan il-Bord kif ippresjedut mill-Onorevoli Maġistrat Dr Monica Vella, LL.D., illi l-ewwel talba issa ma baqa' ebda bazi għaliha w għaldaqstant għandha tiġi miċħuda bl-ispejjez kontra r- rikorrenti billi certament ma hemmx l-ingredjenti meħtieġa tal-artikolu 16A tal-Ordinanza li tirregola t-tiġdid tal-kiri ta' bini għad-dispensa tas-smiegħ tal-kawza mitluba, imma f'kull kaz id-data tal-ewwel appuntament hija issa ffissata minn dan il-wisq Onorabbli Bord li jirregola l-Kera.*

*48. Illi fir-rigward tat-tieni talba tar-rikorrenti, certament ma hemm l-ebda bazi li fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss minn dan il-Bord li l-intimata tiġi ordnata biex tiżgombra mill-proprjeta' hawn fuq imsemmija u tirritorna lir-rikorrenti c-ċwievet kollha tal-istess u dan għal raġunijiet tal-eccezzjonijiet in linea preliminari li ġew sollevati u fatti ohra li ġew dikjarati fil-qosor f'din ir-risposta, mingħajr preġudizzju għal nota li sejra tiġi ntavolat b'diversi dokumenti li proprju jitfgħu dawl aktar car dwar il-kredibilita' tal-intimata u n-nuqqas tal-istess kredibilita' da parti tar-rikorrenti.*

*49. Illi t-tielet talba tar-rikorrenti, dejjem u strettament mingħajr pregudizzju għad-diversi eccezzjonijiet in linea preliminari sollevati w apparti mir-reazzjoni tal-intimata fir-rigward tal-kontenut tar-rikors tar-rikorrenti u l-fatti kif fissrithom l- intimata Philippa Mangion f'din ir-risposta odjerna taghha, it-tielet talba ma għandhiex tintlaqa' lanqas 'il għaliex l-intimata dejjem ħallset skont sentenza tal-Bord tal-Kera u kif kienet giet ikkonfermata fi stadju tal-Appell, u dan il-wisq Onorabbli Bord anka kif ippresjedut odjernament jgħallimna li sentenza bejn partijiet tirbaħ il-kontenut tal-Ligi in ġenerali, imma f'kull kaz jekk dan il-Bord jidhirlu differenti fuq dan il- punt l-intimata da parti tagħha hija disposta li titkellem u tinnegozja mar-rikorrenti ghaliex dawn huma familjari tagħha. Xorta waħda pero' jibqa' l-problema li l-ftehim originali li kien seħħ tal-inkwilinagg ta' dan ir-razzett u r raba' tal-madwar kien jinkludi lil missier l-intimata li llum huwa mejjet, kif mietitlu martu, li dawn sfortunatament mietu mingħajr testment allura tidħol fis-seħħ dak il-provediment tal-Ligi dwar l-intestazzjoni, u kwindi dan il-Bord irid jgħarbel il-punt legali jekk l-atti gewx intavolati skont il-Ligi, billi fic-cirkostanzi jidher li l-atti kellhom jiġu intavolati mhux biss kontra l-intimata imma kontra anka l-eredi tal-genituri tagħha li mietu intestati u meta l-intimata kellha apparti minnha nfisha erba' aħwa oħra, ħamsa biha. Illi dawn l-aħwa huma kollha hajjin.*

*50. Illi kwantu għar-raba' talba tar-rikorrenti, l-intimata tissottometti b' kull rispett li dan il-Bord ma għandux ġurisdizzjoni li jillikwida d-danni, billi jrid ikun hemm l-interpretazzjoni tal-ftehim originali tal-lokazzjoni, irridu nidħlu fil-kwistjoni jekk il-kawza gietx intavolata korrettament skont il-Ligi u dan għar-raġunijiet li diga' ngħataw, u naturalment hemm il-kwistjoni li qed tintalab l-isfilz tar-rapport tal-Perit Ray Demicoli billi*

*dan daħal god- dar tal-intimata w anka ha ritratti meta dan ma kellu ebda awtorizzazzjoni u kunsens imma l-intimata giet imbezza' billi ttieħdilha membru tal-Korp tal-Pulizija li dan qal lill-intimata li aħjar ma taqlax l-inkwiet u naturalment din daqsxejn dubju billi dak il-mument ma setgħetx taqbad u tikkomunika mal-avukat tagħha, l-intimata taħt pressjoni accettat li ddaħħalhom imma mhux għax riedet.*

*51. Illi kwantu għall-aħħar talba naturalment jekk qed jigi sottomess bħala eccezzjoni in linea preliminari illi dan il- Bord mhux kompetenti li jillikwida danni f'parametri legali u fattwali daqstant komplikati, billi din hija parti mill- ġurisdizzjoni ta' Qorti oħra, għaldaqstant anka l-ħames talba fic-cirkostanzi għandha tigi respinta.*

*52. Illi f'din l-inkwadratura kollha, dan il-Bord bir-rispett kollu u bl-umilta' kollha, qed jigi sottomess da parti tal-intimata illi l-ewwel ma għandu jsir huwa li l-grupp kollu jmur fil-fond de quo ħalli l-Bord ikollha ideja ta' fuq hiex eżatt qegħdin nitkellmu billi hawnhekk ma għandniex sempliciment razzett imma anka kif jirrizulta minn nota b'diversi dokumenti ntavolata mill-intimata separatament minn din ir-risposta li qed tigi kkonfermata wkoll bil-ġurament, apparti mill-parti residenzjali tar-razzett fejn toqgħod l-intimata, dan hemm diversi taqsimiet oħra fejn joqogħdu l-klieb, fejn joqogħdu annimali oħra, għelieqi fejn jinzergħu prodotti, post rizervat għall-għodod meħtiega fit-tmexxija ta' razzett bl-għelieqi, ir-raba', u l-annimali fil-madwar, apparti minn passagg li jagħti għall-fond adjacenti u minn fejn l-intimata tieħu l-ilma tagħha għall-ħtigijiet tagħha: dawn kollha huma punti li biex il-partijiet kollha nvoluti specjalment dawk li qatt ma kienu fil- fond de quo, l-ewwel iridu jaraw il-fond de quo u anka isir rapport minn esperti nominati mill-Qorti w a*

*spejjez tar- rikorrenti, billi da parti tagħhom ir-rikorrenti diga' abbuzivament bagħtu perit bil-pulizija li daħal fil-fond de quo abbuzivament u mingħajr awtorizzazzjoni tal-intimata li giet sottomessa għal ċertu pressjoni psikologika u ta' biza' (l- intimata llum tgħodd kwazi sebgħin sena), u apparti minn dan l-Bord ikun irid japprezza l-punti in eccezzjonijiet preliminari li qed jigu sollevati wara li jigu miflija d-dokumentazzjoni li jappartjenu t-titolu, u ma hemm ebda dubju li l-intimata ma għandhiex titolu validu skont il-Ligi u li l-kera dejjem ħallsitu skont is-sentenza tal-Bord tal-Kera li giet ikkonfermata mill- Qorti tal-Appell, izda wkoll ir-rapport ta' Perit imħallas personalment mill-intimata fejn juri bic-car li l-intimata dejjem ħadet ħsieb il-post u fejn hemm jidher daqsxejn dubjuz, dan ma huwiex tort ta' nuqqas ta' manutenzjoni da parti tal-intimata imma kif kien mibni r-razzett tant u tant snin ilu.*

*53. Illi fic-cirkostanzi l-intimata m'għandha tbagħti ebda spejjez inkluz dawk indikati fil-korp tar-rikors ta' Gemma Micallef : ID number 174563M, li naturalment trid iggib provi li hi vera għandha l-awtorita' li titkellem għan-nom ta' ħutha l-oħra li kollha jirrisjedu f'indirizzi separati u wħud minnhom huma mizzewgin allura f'dak il-kaz u fic-cirkostanzi jkun irid ikun hemm ukoll il-kunsens u l-awtorizzazzjoni tal-mara jew tar-ragel skont il-kaz fl-inkwadratura tal-lista ta' aħwa li hemm indikati mill-istess rikorrenti Gemma Micallef .*

*54. Tant għandha x' tissottometti l-intimata għas-savju gudizzju ta' dan il-Bord li Jirregola L-Kera u fejn b'nota li ser tigi ntavolata fil-jiem qabel l-ewwel dehra ta' din il-kawza, ser ikun hemm diversi dokumentazzjoni li ha jigu esebiti u anka lista ta' xhieda li l-intimata lesta li ttella' quddiem dan i-Bord, inkluz l-erba' aħwa tagħha li lkoll għadhom ħajjin, bin-nisa u bl-*

*irgiel tagħhom għal dawk li huma mizzewgin u xhieda oħra li huma relevantissimi għal dan il-kaz odjern, inkluz il-Prim Ministru li joqghod vicin ir-razzett tal-intimata u li naturalment jaf bl-istorja kollha ta' dan il-kaz u kemm ilha toqgħod hemm il-familja ta' Philippa Mangion.*

*55. Bl-ispejjez kollha, gudizzjarji w extra gudizzjarji kontra r-rikorrenti de proprio et nomine li wkoll minn issa hi u x-xhieda tagħha jigu ngunti in subizzjoni.'*

4. Rat illi fil-verbal tad-9 ta' Gunju, 2016 l-Onorabbli Bord kien dehrlu li l-intimata ghandha ragunijiet validi sabiex tikkontesta t-talbiet attrici u kkonceda lill-intimata zmien ghar-risposta. Fl-istess verbal l-intimata kkonfermat in-nota responsiva suesposta. Fl-istess verbal gie deciz li jinstemghu l-provi dwar l-eccezzjonijiet preliminari.

5. Rat illi nhar is-6 ta' Marzu, 2017 a fol. 418 et seq tal-process gie ntavolat rikors quddiem l-Ewwel Onorabbli Bord mir-rikorrenti fejn b'referenza ghall-eccezzjonijiet preliminari tal-intimata r-rikorrenti talbu kif isegwi:

*'Jawtorizza li ssir korrezzjoni fir-rikors promotur b'dan illi tinbidel il-kwalita' li biha qed tidher ir-rikorrenti u l-ahwa l-ohra mill-okkju ai termini tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

Rat li sa dak in-nhar tal-verbal tat-22 ta' Mejju, 2018 fejn il-kaz gie differit ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet, dan ir-

rikors, ghalkemm notifikat, dahlet ir-risposta u saru sottomossjonijiet bil-miktub fuqu, baqa' mhux dekretat.

Fil-fatt dan ir-rikors sar referenza ghalih biss fid-decizjoni tat-30 ta' Ottubru, 2018 fejn dwaru l-Ewwel Bord iddikjara dak gia suespost fejn it-talba ghall-korrezzjoni ma gietx milqugha u giet milqugha l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati.

6. Rat illi r-rikorrenti appellaw mis-sentenza fejn filwaqt li qablu mad-decizjoni tal-Bord fejn cahad it-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimata, ddikjaraw li jhossuhom aggravati mid-decizjoni fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimata u ma laqghetx it-talba ghall-korrezzjoni permezz tar-rikors tas-6 ta' Marzu, 2017;

Illi l-appellanti jaqsmu l-aggravju taghhom principalment f'zewg punti:

a) in-nuqqas tal-Bord li jilqa' r-rikors taghhom ghall-korrezzjoni fl-okkju;
b) id-decizjoni tal-Bord dwar in-nuqqas ta' awtorizzazzjoni mill-ahwa kollha Micallef (rikorrenti) sabiex ikunu rapprezentanti minn ohthom Gemma Micallef

a) Illi l-appellanti jsostnu dik il-parti tal-aggravju taghhom dwar ir-rikors kontenenti talba ghall-korrezzjoni tal-okkju, fil-qosor, kif isegwi:

i) Illi permezz tal-artikolu 175 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-legislatur ried jevita formalizmu rigoruz ghall-proceduri gudizzjarji;

ii) Illi l-iskop tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 huwa sabiex tigi salvagwardjata l-validita' tal-atti gudizzjari u b'hekk tigi mwarrba l-possibilita' ta' multiplikazzjoni ta' proceduri minhabba dikjarazzjoni ta' nullita' tal-atti koncernati. L-atturi jsostnu li l-legislatur ta poteri wiesgha lill-Qrati sabiex ikunu jistghu jaccettaw korrezzjonjiet ;

iii) Illi skont l-appellanti l-Bord kellu jezamina jekk bil-korrezzjoni kinitx ser tinbidel is-sustanza tal-azzjoni u mhux jekk it-talba kinitx timpingi fuq l-eccezzjoni preliminari tal-intimata appellata. Isostnu li l-fatt illi l-izball fl-okkju kien is-suggett tal-ewwel eccezzjoni preliminari dan ma jfissirx illi l-appellanti ma setghux jitolbu l-korrezzzjoni tal-okkju. Isostnu li huwa kontrasens dak li ddikjara l-Bord fid-decizjoni tieghu u cioe' li la tressqet eccezzjoni preliminari allura r-rikorrenti ma jistghux jitolbu l-korrezzjoni neccessarja.

iv) L-appellanti jsostnu wkoll li huwa nkontestat illi huma kollha s-sidien tal-fond de quo u ghalhekk jissottomettu li l-fatt li tinbidel il-kwalita' illi biha qeghdin jidhru fil-kawza ma hu se jkollu l-ebda rizultat ta' bidla fis-sustanza tal-azzjoni jew xi eccezzjoni fil-meritu tal-kawza.

b) Illi l-appellanti dwar dik il-parti tal-aggravju taghhom koncernanti l-allegata nuqqas ta' awtorizzazzjoni tal-ahwa Micallef sabiex ikunu rapprezentati minn ohthom Gemma Micallef, partikolarment in-nuqqas ta' awtorizazzjoni taghhom dak in-nhar li ttiehed il-gurament fuq ir-rikors mir-rikorrenti Gemma Micallef cioe' nhar it-22 ta' April, 2016, fil-qosor jissottometu kif isegwi:

i) Illi l-ahwa kollha inkluza Maria Dolores Micallef fl-affidavit taghhom ikkonfermaw illi huma iffirmaw dokument nhar l-14 ta' Frar 2016 ilkoll kienu jaqblu illi l-proceduri gudizzjarji kellhom jifethu quddiem il-Bord tal-Kera u inoltre illi kien hemm ftehim illi ohthom Gemma Micallef kellha tkun dik illi tirraprezentahom matul il-kawza. Jsostnu li dan id-dokument kellu jitqies bhala prova sufficjenti ghall-iskop ta' awtorizzazzjoni u li ma kienx hemm ghalfejn illi tigi prezentata xi prokura bil-miktub stante li l-mandat jew prokura ghal dan l-iskop m'hemmx ghalfejn ikun forma skritta u jista' jkun bil-fomm, skont ir-rikorrenti sahansitra tacitamet. F'dan l-istadju jaghmlu referenza ghall-artikolu 1857 (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-ligi taqra illi 'il-mandat jista' jinghata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra, jew bil-fomm, jew ukoll tacitament.'

ii) Ir-rikorrenti jsostnu li l-konferma bil-gurament minnhom kellha titqies bhala prova sufficjenti li qabel ma gie ntavolat ir-rikors promotur huma kienu taw il-kunsens taghhom illi Gemma Micallef kellha tkun dik li tintavola r-rikors f'isimhom u illi meta jkun inghata mandat bil-fomm il-prova ta' tali mandat se tinghata wara

illi tigi intavolata l-kawza permezz tax-xhieda taghhom. Jinsistu li l-Bord ma kienx korrett li kellha tigi prezentata prova dokumentarja dwar il-kunsens tal-ahwa precedenti ghall-intavolar tar-rikors.

iii) Illi dwar il-kaz ad hoc tar-rikorrenti Maria Dolores Micallef li ma tirrisjedix fil-Gzejjer Maltin ir-rikorrenti jinsistu li anki f'dan il-kaz sabiex tinfetah il-kawza f'isem Maria Dolores Micallef ma hemmx bzonn li l-prokura tkun bil-miktub. In sostenn ta' dan jikkwotaw decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex fil-gurisdizzjoni superjuri taghha datata 19 ta' Novembru 2010 fl-ismijiet **Giovanna Saliba pro et noe vs. Adrian Azzopardi**.

iv) Minghajr pregudizzju jsostnu wkoll li Maria Dolores kienet tat prokura generali lil ohtha Gemma Micallef datata 19 ta' Awissu, 2009 fejn hija awtorizzata li tidher f'isimha f'atti gudizzjarji. Kopja tal-prokura giet anness mar-rikors tal-appell bhala dokument GM 1. Isostnu li l-prokura generali ma gietx esebita quddiem l-Ewwel Bord stante li skont huma Maria Dolores Micallef kienet tat mandat specifiku bil-fomm ghall-prezentata tal-kawza odjerna f'isimha u li l-prokura giet esebita f'dan l-istadju sabiex jigi evitat kwalunkwe dubju.

7. L-appellanti qed jitolbu ghalhekk permezz tar-rikors tal-appell odjern li din il-Qorti:

*'1) Tikkonferma d-decizjoni tal-Bord fejn cahad it-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimata appellata;*

*2) Thassar id-decizjoni tal-Bord fejn laqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimata appellata;*

*3) Thassar id-decizjoni tal-Bord fejn cahad it-talba tal-appellanti ghall-korrezzjoni;*

*4) Tilqa' t-talba illi jsiru l-korrezzjonijiet mitluba stante illi dawn mhux ser ikollhom effett fuq is-sustanza tal-azzjoni u fuq l-eccezjonijiet dwar il-mertu u tordna illi l-atti jergghu jintbaghtu lura quddiem il-Bord ghall-prosegwiment tal-kawza.'*

8. Rat illi l-appellata wiegbet ghall-appell billi talbet lil din il-Qorti sabiex tikkonferma fit-totalita' taghha d-decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera appellata bl-ispejjez kontra l-appellanti. Issostni li l-Ewwel Onorabbli Bord ghamel sew li ma laqax ir-rikors ghall-korrezzjoni wara li hija ntavolat l-eccezzjonijiet preliminari taghha u tinsisti li l-ligi taghtiha ragun kif appuntu ddecieda l-Ewwel Onorabbli Bord. L-intimata tkompli tattakka l-validita' tal-gurament tar-rikorrenti Gemma Micallef. Fir-risposta taghha tinsisti li jigi allaccat il-process ta' quddiem l-Ewwel Bord kif appuntu dejjem isir. L-appellata ssostni li ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-appellanti li l-fatt li l-izball kien gie msemmi fl-eccezzjoni m'ghandux ikun xkiel ghall-akkoljiment tat-talba tal-korrezzjoni u dan skont l-intimata in vista tal-principju fundamentali procedurali li hadd ma jista' jaghmel kawza ghan-nom ta' haddiehor jekk dan il-haddiehor qieghed residenti fil-pajjiz. Skont l-appellata l-eccezzjonijiet preliminari taghha jmissu s-sustanza tal-azzjoni w'allura l-Ewwel Bord ghamel sew li laqa' l-eccezzjoni taghha. B'referenza ghall-prokura generali ta' Maria

Dolores Micallef lil Gemma Micallef esebita flimkien mar-rikors, l-appellata tissottometti li din ma hi ta' l-ebda ghajnuna ghall-appell odjern stante li din timponi kundizzjonijiet sabiex Gemma Micallef tagixxi f'isem ohtha liema kundizzjonijiet xort wahda skont l-appellata ma gewx onorati, partikolarment, li tintbaghat e-mail qabel ma' tagixxi f'isimha. L-intimata appellata taghmel ukoll referenza ghall-proceduri ohra ntavolati minn Gemma Micallef fejn skont l-intimata din regghet ghamlet l-istess zball fl-okkju bhalma gara f'dak odjern w'allura skont l-appellata l-appellanti ma tghallmitx mill-izbalji taghha. Finalment l-appellata talbet allura li l-appell jigi michud bl-ispejjez irduppjati jew triplati stante l-allegata frivolosita' tal-istess.

9. Illi l-fatti tal-kaz odjern sakemm dawn ghandhom rilevanza f'dan l-istadju ta' appell minn eccezzjoni preliminari johorgu cari mid-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli t-Tribunal li l-Qorti ser taghmel taghha f'din id-decizjoni. Illi l-pern kollu tal-appell odjern jirrizulta lil din il-Qorti li huwa l-kwezit jekk ir-rikorrenti appellanti Gemma Micallef setghetx legalment titlob korrezzjoni fl-okkju tal-kaz odjern partikolarment f'dik il-parti fejn jindika r-rikorrenti li jaqra kif isegwi:

**Gemma Micallef (KI Nru. 174563 M), f'isimha propju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Carmel (KI Nru. 100751M), Joseph (KI Nru. 22952M) Philippa (KI Nru. 336853M), Mary mizzewga Grech (KI Nru. 82656 M), Grace mizzewga Cini (KI Nru 354058**

**M) Emanuel (KI Nru. 369759 M) u Doris (KI Nru. 294261 M) ilkoll ahwa Micallef**

Jirrizulta fil-fatt li l-intimata abbazi tal-okkju kif redatt qajmet l-ewwel eccezzjoni preliminari taghha li ssostni li r-rikorrenti Gemma Micallef kellha tipprova l-kunsens ta' hutha l-ohra kollha msemmija bhala rikorrenti u li minn kif redatt l-okkju hija kienet qed tirraprezentahom altrimenti tinsisti fuq in-nullita tar-rikors.

L-Ewwel Onorabbli Bord sema' l-provi dwar din l-eccezzjoni u jirrizulta nkontestat li r-rikorrenti kollha ghajr wahda cioe' Maria Dolores sive Doris Micallef jirrisjedu fil-Gzejjer Maltin w'ghaldaqstant proceduralment il-kawza kellha tigi prezentata minnhom personalment u mhux minn persuna ohra ghan-nom taghhom kif gie ndikat fl-okkju. Jirrizulta li kien biss fil-kaz ta' Maria Dolores Micallef li r-rikorrenti kellhom jippruvaw xi tip ta' mandat jew prokura sabiex il-kawza tinfetah f'isimha wkoll.

Illi jirrizulta mill-atti tal-Ewwel Onorabbli Bord li wara li giet mqajjma l-eccezzjoni preliminari r-rikorrenti ndunaw bl-izball li sar fl-okkju u ntavolaw ir-rikors datat 6 ta' Marzu, 2017 li jaqra kif isegwi:

*'1) Illi fit-22 ta' April, 2016 ir-rikorrenti pprezentat u halfet rikors guramentat ghan-nom taghha u ta' hutha l-ohrajn;*

*2) Illi l-konvenuta fl-eccezzjonijiet taghha qeghdha ssostni li r-rikors huwa null u dan peress li r-rikorrenti ma tistax tidher ghan-nom ta' persuni li tghix Malta;*

*3) Illi r-rikors gie pprezentat b'dak il-mod erronjament semplicimentghaliex ir-rikorrenti halfet ir-rikors gurament f'isem l-ahwa kollha ait ermini tal-artikolu 156 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant il-kelmiet 'f'isimha proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' kienu mizjuda fl-okkju bi zball;*

*4) Illi fis-sustanza l-kawza ma tinbidilx galadarba jitranga dan l-izball fl-okkju tal-kawza;*

*Ghaldaqastant in vista tas-suespost, ir-rikorrenti qeghdha titlob lil dan l-Onorabbli Bord:*

*1) Jawtorizza li ssir korrezzjoni fir-rikors promotur b'dan illi tinbidel il-kawlita' li biha qed tidher ir-rikorrenti u l-ahwa l-ohra mill-okkju ai termini tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.'*

Fir-risposta taghha ghal dan ir-rikors quddiem l-Ewwel Bord l-intimat oggezzjonat ghat-talba.

10. Kif gia gie suespost il-Bord ma hax decizjoni dwar ir-rikors qabel id-data tad-decizjoni tieghu dwar l-ewwel u t-tieni eccezzjoni izda accenna ghar-rikors fl-istess decizjoni fejn qal kif isegwi:

*'Illi minn ezami tal-provi mressqa jirrizulta illi meta r-rikorrenti Gemma Micallef intavolat il-kawza, hija ma kellha l-ebda prokura ossija*

*awtorizzazzjoni biex tagixxi minn ghand hutha, la dawk residenti hawn Malta u lanqas ta' ohtha residenti l-Italja. Huwa minnu li l-ahwa Micallef li jirrisjedu Malta, permezz ta' l-affidavit rispettiv taghhom u in kontro-ezami xehdu li huma ma ghandhomx diffikulta li ohthom Gemma tidher ghalihom f'din il-kawza; din l-awtorizzazzjoni u dan il- kunsens pero gew wara li giet intavolata l-kawza.*

*Ghalhekk, il-kawza kif proposta ghandha zewg mankamenti: (1) Persuna li tirrisjedi Malta ghandha tagixxi fil-Qorti f'isimha u mhux b'mandatarju jew prokuratur u ghalhekk hut r-rikorrenti li jirrisjedu hawn Malta kellhom ab initio jidhlu parti mill-kawza proprio u mhux rapprezentati minn ohthom Gemma Micallef, del resto kif ghamlu sussegwentament fi proceduri ohra pendenti bejn il-partijiet quddiem Qorti ohra. In oltre, r-rikorrenti Gemma Micallef fl-ebda mument ma gabet prova li qabel istitwit il-kawza hija kellha l-awtorizzazzjoni jew mandat ta' hutha biex tistitwixxi l-kawza.*

*(2) Ir-rikorrenti Gemma Micallef baqghet ma gabet l-ebda prokura ta' ohtha Maria Dolores Micallef, li tirrisjedi l-Italja, sabiex tagixxi f'isimha.*

*Illi ghalhekk il-kawza, kif proposta, hija proceduralment difettuza. Dan gie rikonoxxut ukoll mill-istess rikorrenti li talbet korrezzjoni a bazi tal-Artikolu 175 (1) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan l-Artikolu jghid hekk:*

*(1) Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieg lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku,*

*jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeg oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza. (sottolinejar tal-Bord).*

*Issa fil-kaz in ezami, li kieku l-Bord kellu jilqa' din it-talba, jkun qed jimpingi direttament fuq din l-eccezzjoni mressqa mill-intimata u ghalhekk, ai termini ta' l-istess Artiklu, l-Bord ma jistax jilqa' t-talba ghall-korrezzjoni mressqa mir-rikorrenti Gemma Micallef.*

*Ghaldaqstant, din l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimata qeghdha tigi milqugha.'*

Illi din il-Qorti ma tistax fl-ewwel lok ma tissolevax il-punt dwar l-emfasi li ghamel l-Ewwel Bord fuq il-kliem *'sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza.'* Jirrizulta lil din il-Qorti li l-Ewwel Bord ikkunsidra l-ewwel eccezzjoni preliminari bhala eccezzjoni fil-meritu tal-kawza. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-konkluzjoni. L-ewwel eccezzjoni tal-intimata hija wahda preliminari u tqajjem dubju dwar jekk ir-rikorrenti kollha tawx il-kunsens taghhom ghall-intavolar tal-kawza. Din il-kwistjoni ma ghandha x'taqsam xejn mat-talbiet u cioe' s-sustanza tal-azzjoni odjerna li tikkonferna t-talba ghall-izgumbrament tal-intimata mill-proprjeta' in kwistjoni u likwidazzjoni ta' danni. Huwa appuntu dan li qed jargumentaw l-appellanti fl-appell odjern u dak li argumentaw fir-rikors taghhom intavolat quddiem l-Ewwel Bord datat 6 ta' Marzu, 2017. Il-Qorti

tqis illi kieku dik it-talba sabiex jigi emendat l-okkju tigi milqugha bl-ebda mod tali korrezzjoni ma tista' tigi kunsidrata li timpingi fuq is-sustanza tal-azzjoni jew fuq xi eccezzjoni FIL-MERTU tal-intimata. Il-Qorti ghalhekk tqis li minn dan il-lat id-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Bord legalment hija zbaljata b'dana li l-Ewwel Onorabbli Bord kellu mill-anqas jikkunsidra jekk jilqax it-talba ghall-korrezzjoni tal-okkju kif mitlub abbazi tal-fatti esposti quddiemu dwar il-kunsens, mandat o meno da parti tar-rikorrenti.

11. Jirrizulta izda li sabiex it-talba kontenuta fir-rikors tas-6 ta' Marzu, 2019 tigi milqugha kellu effettivament jigi pruvat lill-Qorti li r-rikorrenti kollha taw il-kunsens lil Gemma Micallef sabiex tigi ntavolata l-kawza u b'hekk isimhom jitnizzel fl-okkju filwaqt li fir-rigward ta' Doris Micallef (li jirrizulta li tirrisjedi barra minn Malta) kellu jigi pruvat xi tip ta' mandat lil Gemma Micallef sabiex tigi ntavolata wkoll il-kawza f'isimha.

Mill-atti jirrizulta li r-rikors guramentat odjern gie ntavolat fit-22 ta' April, 2016. Mill-affidavits tar-rikorrenti Gemma Micallef (fol. 270), Carmelo Micallef (fol. 235), Joseph Micallef (fol. 240), Filippa Micallef (fol. 245), Mary Grech (fol. 250), Emanuel Micallef (fol. 255), Grazia Cini (fol. 260) u Maria Dolores k/a Doris Micallef (fol. 265) jirrizulta li huma lkoll jaqblu li nhar l-14 ta' Frar, 2016 kollha taw il-kunsens taghhom bil-miktub lill-Avukat Cedric Mifsud sabiex jinbdew il-proceduri kontra l-intimata u dan huwa evidenzjat minn dokument bil-firem tar-rikorrenti kollha esebit mal-affidavits kollha fosthom a fol. 238. F'dan id-dokument tirrizulta wkoll il-firma ta'

Maria Dolores sive Doris Micallef b'dana li dan jevidenzja lil din il-Qorti li dak in-nhar l-istess Doris Micallef kienet prezenti fil-gzejjer Maltin. Ir-rikorrenti lkoll ahwa jsostnu bil-gurament li dak in-nhar kien hemm ftehim verbali bejn l-ahwa kollha nkluz Maria Dolores sive Doris Micallef li r-rikorrenti ohthom Gemma Micallef kellha tkun dik illi tirraprezentahom fil-kawza w'ghalhekk ilkoll jispjegaw li kienet hi li hadet il-gurament fuq ir-rikors guramentat meta dan gie prezentat fil-Qorti f'data aktar tard u cioe' dik tat-22 ta' April, 2016.

Illi mill-evidenza suesposta u minn analizi tal-provi kollha esebiti fl-atti jirrizulta allura lil din il-Qorti li l-Ewwel Onorabbli Bord kellu zball fil-konkluzjoni tieghu li l-kunsens ghall-intavolar tal-kawza nghata lir-rikorrenti Gemma Micallef minn hutha r-rikorrenti l-ohra wara li gie ntavolat ir-rikors u mhux qabel u dan ghaliex jirrizulta ampjament pruvat li dan il-kunsens inghata fl-14 ta' Frar, 2016 u cioe' aktar minn xahrejn qabel meta l-ahwa ltaqghu lkoll flimkien. Dan jaghmilha wkoll evidenti lil din il-Qorti li verament il-kliem '*u a nom u in rapprezentana ta'* imnizzla fl-okkju tnizzlu purament bi zball u kienu ntizi biss ghall-kwistjoni ta' min kien qed jiehu l-gurament fuq ir-rikors salv dak li ser jinghad dwar il-mandat ta' Maria Dolores sive Doris Micallef. In vista ta' din il-konkluzjoni l-Qorti tqis li t-talba kontenuta fir-rikors tar-rikorrenti tas-6 ta' Marzu, 2017 ghal dak li huma r-rikorrenti lkoll residenti fil-Gzejjer Maltin kellha tigi milqugha w'ghalhekk minn dan il-lat id-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Bord hija skorretta.

12. Jirrizulta izda li l-ewwel eccezzjoni tal-intimata giet milqugha mill-Ewwel Onorabbli Bord ghar-raguni wkoll li skont il-Bord ma gietx pruvata prokura jew mandat minn Maria Dolores sive Doris Micallef a favur ohtha Gemma Micallef sabiex tirraprezentaha fil-kawza stante li hija tirrisjedi barra mill-Gzejjer Maltin. *Ex admissis* il-prokura generali msemmija fir-rikors tal-appell giet prezentata biss fl-atti wara li nghatat l-ewwel decizjoni w'ghaldaqstant l-Ewwel Onorabbli Bord kien sprovvist minn din il-prova. Ir-rikorrenti appellanti izda xorta wahda ma jibbazawx l-argument taghhom fuq din il-prokura generali izda jinsistu li l-kunsens u cioe' l-mandat sabiex Gemma Micallef tirraprezenta lil Maria Dolores sive Doris Micallef f'din il-kawza nghata verbalment lilha dak in-nhar tal-laqgha bejn l-ahwa datata 14 ta' Frar, 2016 (data precedenti ghall-intavolar tar-rikors guramentat odjern). L-appellanti jsostnu li mandat verbali kien bizzejjed fil-kaz odjern. Illi f'dan l-istadju din il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Giovanna Saliba pro et noe vs. Adrian Azzopardi** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fil-Gurisdizzjoni Superjuri taghha nhar id-19 ta' Novembru, 2010 kif isegwi:

*'Skont l-Artikolu 1856 tal-Kodici Civili "Il-mandat, jew il-prokura, hu kuntratt li bih persuna taghti lill-persuna ohra s-setgha li taghmel xi haga ghaliha.". L-attrici kkonfermat li hutha kollha jaqblu li ssir din il-kawza. Fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2010 qalet: "L-atturi l-ohra huma huti. Huti Victoria Mifsud, Francis Saliba u John Saliba jghixu l-Awstralja. Bernardette Mifsud, ohti, tghix Hal Qorti, Malta." (fol. 31). Ipprezentat ukoll ittra datata 24 ta' April 2009 u li ntbaghatet lilha minn ditta ta' avukati fl-Awstralja ghan-nom ta' hutha John Saliba, Frank Saliba u Victoria Mifsud li jghixu fl-Awstralja (fol. 33). Fiha jinghad "What our clients now want to do is to reclaim Ta Kaccaturi for the family and to have*

*their ownership of the property recorded as soon as possible. It might be in the best interests of the family if you consult a solicitor in Malta and make sure that this action is taken.". Minn dan il-kliem hu evidenti li l-ahwa li jghixu barra minn Malta, kienu qeghdin jaghtu l-awtorizazzjoni lil Giovanna Saliba sabiex tipprezenta kawza ghan-nom taghhom biex il-konvenut jigi zgumbrat mill-art.*

*Sabiex persuna tipprezenta kawza ghan-nom ta' persuna ohra li tkun assenti minn Malta u biex tidher fil-kawza f'isem dik il-persuna, il-mandat m'hemmx ghalfejn ikun bil- miktub. Mandat jista' jinghata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra, bil-fomm jew ukoll tacitament sakemm ma jkunx hemm xi disposizzjoni specjali ohra tal-ligi (Artikolu 1857(2) tal-Kodici Civili). F'dan ir-rigward ma jirrizultax li hemm xi disposizzjoni tal-ligi li espressament tghid li l-mandat f'cirkostanzi bhal dawk attwali, irid jinghata bil- miktub.*

*Waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-konvenut argumentat li gialadarba kien irrizulta li Bernardette Mifsud tghix Malta, l-attrici ma setatx tipprezenta l-kawza ghan-nom taghha. F'dan il-kuntest issir riferenza ghall-Artikolu 180 tal-Kap. 12 li jikkonferma li l-att gudizzjarju jrid jigi prezentat mill-parti nnifisha, u wkoll minn prokuratur fil-kaz ta' persuna assenti. Giovanna Saliba bhala wahda mill-atturi kellha kull dritt li tipprezenta l-kawza. Min-naha l-ohra l-Artikolu 1866 tal-Kodici Civili jipprovdi:-*

*"Izda, il-mandatarju ma jistax joqghod fil-kawza, bhala attur jew konvenut, fl-isem tal-mandant, ghalkemm dan ikun tah din is-setgha, meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gzira li fiha l-kawza ghandha ssir, bla hsara dejjem ta' dak li jinghad fl-artikolu 786 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.".*

*Mela hu minnu li Giovanna Saliba ma tistax toqghod fil- kawza bhala attrici ghan-nom ta' ohtha Victoria Mifsud. Madankollu l-konsegwenza ta' dan m'hijiex ta' beneficcju ghall-konvenut fis-sens li ggib fix-xejn il-kawza. Il-kawza saret ukoll minn Giovanna Saliba f'isimha personali u ghan-nom ta' hutha assenti minn Malta, li ghandhom kull dritt li jipprosegwixxu bil-kawza kontra l-konvenut.'*

Illi x-xenarju dettaljat fid-decizjoni suespost huwa simili hafna ghal dak odjern. Huwa minnu li Gemma Micallef ma tistax tirraprezenta lil hutha prezenti fil-Gzejjer Maltin w'ghalhekk kif gia

nghad aktar 'il fuq l-Ewwel Bord abbazi tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta kellha l-poter li tilqa' t-talba ghall-korrezzjoni fl-okkju sabiex dana jindika li dawk residenti Malta qed jidhru personalment. Izda fir-rigward ta' Maria Dolores sive Doris Micallef li huwa nkontestat li tirrisjedi barra minn Malta jirrizulta mill-atti partikolarment mill-affidavit taghha a fol. 266 tal-process li nhar l-14 ta' Frar, 2016 li hija tat lil ohtha Gemma Micallef il-kunsens taghha sabiex tirraprezentaha fil-kawza. L-istess ikkonfermaw l-ahwa kollha fl-affidavits taghhom. Kif appuntu ddecidiet l-Onorabbli Qorti hawn fuq ikkwotata sabiex persuna, f'dan il-kaz Gemma Micallef, tipprezenta kawza ghan-nom ta' persuna ohra li tkun assenti minn Malta u biex tidher fil-kawza f'isem dik il-persuna, il-mandat m'hemmx ghalfejn ikun bil-miktub kif appuntu tghid il-ligi fl-artikolu 1857 tal-Kap. 16 u jista' jkun bil-fomm bhal fil-kaz odjern sakemm ma jkunx hemm xi disposizzjoni specjali ohra fil-ligi li fil-kaz odjern ma tirrizultax. Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li fir-rigward ta' Maria Dolores sive Doris Micallef l-okkju fir-rikors guramentat odjern huwa korrett.

13. Illi deciz is-suepost jirrizulta li l-aggravju tal-appellanti fir-rikors tal-appell odjern huwa gjustifikat u ser jigi milqugh.

**Decizjoni:**

**Ghaldaqstant, in vista ta' dak kollu suespost din il-Qorti ser tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi l-appell odjern kif isegwi:**

**1) Tikkonferma dik il-parti tad-decizjoni tal-Bord fl-ismijiet premessi appellata fejn cahad it-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimata appellata;**

**2) Thassar dik il-parti tad-decizjoni tal-Bord fl-ismijiet premessi appellata fejn laqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimata u tghaddi sabiex tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimata;**

**3) Thassar dik il-parti tad-decizjoni tal-Bord fl-ismijiet premessi fejn cahad it-talba ghall-korrezzjoni kontenuta fir-rikors datat 6 ta' Marzu, 2017;**

**4) Tilqa' in parte t-talba ghall-korrezzjoni tal-okkju kontenuta fir-rikors datat 6 ta' Marzu, 2017 abbazi tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna li dik il-parti tal-okkju fejn hemm indikati r-rikorrenti fir-rikors guramentat odjern ghandha taqra kif isegwi:**

**'Gemma Micallef (KI Nru. 174563 M) f'isimha proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' ohtha Doris Micallef (KI Nru. 294261 M); Carmel Micallef (KI Nru. 100751M); Joseph Micallef (KI Nru. 22952M); Philippa Micallef (KI Nru. 336853M); Mary mizzewga Grech (KI Nru. 82656 M); Grace mizzewga Cini (KI Nru 354058 M) u Emanuel (KI Nru. 369759 M) Micallef; ilkoll ahwa Micallef'**

**5) Tordna illi l-atti jigu rinvijati lura quddiem il-Bord ghall-prosegwiment tal-kawza.**

**Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimata appellata.**

(ft.) **Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat**

**Vera kopja**

**D/Registratur**